Rapport Analitiku

04

MT

# Il-Futur tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE: Nitgħallmu mill-passat

QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

2025

# Werrej

**Paragrafu**

## Messaġġi ewlenin — 01 - 24

### Għalfejn huwa importanti dan il-qasam? — 01 - 07

### Kummenti ġenerali u opportunitajiet għall-futur — 08 - 24

## Fatturi li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni — 25 - 104

### L-istabbiliment tal-objettivi — 26 - 37

L-objettivi tal-politika ta' koeżjoni saru usa' maż-żmien — 26 - 29

Fokus akbar fuq il-kompetittività — 30 - 33

L-indirizzar tal-ħtiġijiet reġjonali u lokali — 34 - 37

### Flessibbiltà fl-infiq tal-politika ta' koeżjoni — 38 - 49

L-ippjanar għal żmien twil jipprovdi prevedibbiltà iżda jista' jfixkel il-flessibbiltà — 39 - 43

Ir-riprogrammazzjoni saret aktar frekwenti — 44 - 46

Il-politika ta' koeżjoni spiss ġiet aġġustata biex tippermetti flessibbiltà relatata mal-kriżi — 47 - 49

### Simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju — 50 - 53

### Assorbiment tal-fondi — 54 - 62

L-adozzjoni tardiva tal-qafas regolatorju u tal-programmi poġġiet pressjoni fuq l-użu tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni — 56 - 58

Il-koeżistenza tal-RRF u l-finanzjament ta' koeżjoni toħloq riskji addizzjonali ta' assorbiment — 59 - 62

### Żieda fl-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni — 63 - 92

Inċentivi insuffiċjenti biex jiżdied il-fokus fuq il-prestazzjoni fil-politika ta' koeżjoni — 65 - 79

Dgħufijiet fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni jfissru li ma hemmx biżżejjed informazzjoni dwar ir-riżultati — 80 - 89

Sfidi fil-promozzjoni tal-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni permezz tal-mudell tal-RRF — 90 - 92

Regolarità tal-infiq fil-qasam tal-koeżjoni 93 - 104

Il-qafas ta' aċċertament għadu mhux kompletament effettiv 96 - 101

Kemm il-qafas ta' aċċertament tal-koeżjoni kif ukoll il-qafas ta' konformità mal-RRF juru dgħufijiet 102 - 104

Annessi

Anness I – Sehem tal-politika ta' koeżjoni bħala perċentwal tal-investiment pubbliku għal kull Stat Membru (2014–2020)

Anness II – L-impatt tal-politika ta' koeżjoni fuq it-tnaqqis tad-disparitajiet

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

It-tim tal-QEA

# Messaġġi ewlenin

## Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

**01** Il-politika ta' koeżjoni hija minquxa fl-Artikoli 174–178 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Hija għandha l-għan li tippromwovi żvilupp bilanċjat fl-UE kollha billi ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u tnaqqas id-disparitajiet bejn ir-reġjuni. Hija tiffoka fuq sforzi biex jingħelbu d-dgħufijiet strutturali u tinbena reżiljenza għal żmien twil. Il-politika tiffoka aktar fuq reġjuni inqas żviluppati, żoni rurali, reġjuni li għaddejjin minn tranżizzjoni industrijali jew li jinsabu f'riskju ta' staġnar ekonomiku, u żoni li qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi naturali jew demografiċi.

**02** Il-ġestjoni tal-politika ta' koeżjoni hija maqsuma bejn il-Kummissjoni u aktar minn 400 awtorità nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri. It-tfassil u l-implimentazzjoni jinvolvu sħubija bejn il-partijiet ikkonċernati mil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

**03** Mill-1989 sal-2023, l-UE investiet EUR 1 040 biljun permezz tal-politika ta' koeżjoni tagħha, filwaqt li ġew allokati EUR 392 biljun addizzjonali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027. Hija l-akbar politika ta' żvilupp reġjonali tat-tip tagħha fid-dinja, u tirrappreżenta madwar terz tal-baġit tal-UE. Spiss tiġi deskritta bħala pedament tal-integrazzjoni tal-UE.

**04** L-UE tiġbor ir-reġjuni tagħha fi tliet kategoriji, abbażi tal-PDG tagħhom:

— Reġjuni inqas żviluppati, b'PDG *per capita* taħt il-75 % tal-medja tal-UE;

— reġjuni fi tranżizzjoni, b'PDG *per capita* bejn 75 % u 100 % tal-medja tal-UE;

— reġjuni aktar żviluppati, b'PDG *per capita* ogħla mill-medja tal-UE[1].

[1] L-Artikolu 108 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

**05** Il-politika ta' koeżjoni hija implimentata permezz tal-fondi li ġejjin, li jikkofinanzjaw bosta programmi u proġetti fl-Istati Membri:

— il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), li jappoġġa l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tar-reġjuni;

— il-Fond ta' Koeżjoni (FK), li jappoġġa l-investimenti ambjentali u tat-trasport fl-Istati Membri inqas għanja;

— il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), li jappoġġa l-impjiegi u l-ħolqien ta' soċjetà ġusta u soċjalment inklużiva fl-Istati Membri; u

— il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, strument ġdid għall-perjodu 2021–2027 li jappoġġa r-reġjuni l-aktar milquta mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.

**06** Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, il-politika ta' koeżjoni kkontribwiet medja ta' 14 % tal-investiment pubbliku totali fl-UE kollha kemm hi, iżda b'varjazzjoni konsiderevoli bejn l-Istati Membri (***Anness I***).

**07** Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) inħolqot bħala strument temporanju implimentat mill-Kummissjoni permezz ta' ġestjoni diretta. Se topera fl-istess ħin mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE sakemm titlesta fi tmiem l-2026. F'ħafna ċirkustanzi l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jiffinanzjaw investimenti billi jużaw l-RRF jew il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, jew permezz ta' taħlita tat-tnejn. Il-***Figura 1*** turi li l-prijoritajiet ta' nfiq tal-RRF u tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni huma simili, għalkemm deskritti b'mod differenti. Il-fatt li ż-żewġ strumenti jiffinanzjaw l-istess tip ta' investimenti jagħmel it-tqabbil bejniethom inevitabbli.

## Figura 1 — L-objettivi ta' koeżjoni u l-pilastri tal-RRF




*Sors:* il-QEA, abbażi tar-Regolament (UE) 2021/1060 u r-Regolament (UE) 2021/241.

## Kummenti ġenerali u opportunitajiet għall-futur

**08** Dan mhuwiex rapport tal-awditjar, iżda rapport analitiku bbażat fuq ix-xogħol preċedenti tagħna fl-oqsma tal-politika ta' koeżjoni u tal-RRF u fuq informazzjoni oħra disponibbli għall-pubbliku. L-għan ta' dan ir-rapport analitiku huwa li jipprovdi għarfien li jikkontribwixxi għad-diskussjoni dwar id-direzzjoni tal-koeżjoni wara l-2027. Ir-rapport analitiku tagħna jiġbor flimkien l-awditi, ir-rapporti analitiċi u l-opinjonijiet ippubblikati tagħna bejn l-2018 u Mejju 2025 dwar aspetti differenti tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, u, meta jkun rilevanti, iqabbilhom mal-konklużjonijiet prinċipali tagħna dwar l-RRF.

**L-istabbiliment tal-objettivi**

**09** It-TFUE (l-Artikolu 174) jiddefinixxi l-politika ta' koeżjoni bħala għodda biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali. Il-fokus tagħha evolva u twessa' maż-żmien, u l-politika issa tinkludi sett akbar ta' prijoritajiet u objettivi tal-UE, u hija suġġetta għal għadd ta' prinċipji trażversali. Din ix-xejra, li tkompli fil-proposti tal-Kummissjoni taħt ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-2025, tirriskja li żżid il-frammentazzjoni u l-kumplessità tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, u li tiddevja mill-missjoni ewlenija tal-politika ta' koeżjoni li tnaqqas id-disparitajiet reġjonali (il-paragrafi ***26***–***29***).

**10** Il-kompetittività saret prijorità importanti tal-UE. Il-politika ta' koeżjoni 2021–2027 diġà tiffoka fuq l-investiment f'oqsma ewlenin importanti għall-kompetittività, inklużi l-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-ħiliet. Ir-reġjuni inqas żviluppati jserrħu aktar fuq dan l-appoġġ minħabba li, s'issa, huma r-reġjuni aktar żviluppati li kellhom l-aktar suċċess fis-sejħiet kompetittivi ħafna għall-aċċess għall-fondi taħt ġestjoni diretta (bħal Orizzont Ewropa). Barra minn hekk, hemm limitazzjonijiet għall-użu tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għal kumpaniji kbar (il-paragrafi ***30***–***33***).

**11** Wieħed mill-għanijiet tal-politika ta' koeżjoni huwa li tindirizza ħtiġijiet diversi ta' żvilupp reġjonali u lokali. Il-prinċipju tas-sħubija għat-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi għandu l-għan li jaċċerta li l-awtoritajiet, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra jkunu involuti b'mod sinifikattiv permezz ta' approċċ ta' governanza minn isfel għal fuq u f'diversi livelli. Madankollu, minkejja dan, sibna li l-objettivi tal-programm mhux dejjem jirriflettu ħtiġijiet speċifiċi. Aħna ssottolinjajna wkoll l-importanza li jintużaw kriterji trasparenti, oġġettivi u sensittivi għall-ħtiġijiet biex jiġu identifikati l-aħjar proġetti. Barra minn hekk, sibna li l-potenzjal tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea ma ġiex realizzat bis-sħiħ (il-paragrafi ***34***–***37***).

## Kaxxa 1

### Opportunitajiet għall-istabbiliment tal-objettivi fil-politika ta' koeżjoni fil-futur

Meta jiġu stabbiliti l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni fil-futur, hemm l-opportunità li:

(1) jitfasslu objettivi li jibqgħu msejsa fuq il-ħtiġijiet u l-istrateġiji ta' żvilupp ta' kull reġjun, f'konformità mal-prinċipju tas-sħubija;

(2) tiġi llimitata l-frammentazzjoni u l-kumplessità tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, u tiġi pprevenuta l-multiplikazzjoni tal-objettivi tal-politika u tal-prinċipji trażversali;

(3) jiġu appoġġati s-sinerġiji bejn il-programm ta' koeżjoni u dawk ġestiti direttament, bl-allinjament tad-dispożizzjonijiet regolatorji bħar-rekwiżiti għall-akkwist pubbliku u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

**Flessibbiltà fl-infiq tal-politika ta' koeżjoni**

**12** Il-qafas tal-politika ta' koeżjoni huwa mfassal biex jipprovdi lill-Istati Membri u lir-reġjuni tagħhom direzzjoni strateġika u prevedibbiltà għal żmien twil. Fl-istess ħin, ir-regoli tal-politika ta' koeżjoni jillimitaw il-flessibbiltà tal-Istati Membri biex jirriallokaw il-fondi matul il-perjodu ta' programmazzjoni biex jirrispondu għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tagħhom (il-paragrafi ***38***–***43***).

**13** Ir-riprogrammazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni hija l-mekkaniżmu prinċipali disponibbli għall-awtoritajiet maniġerjali biex jadattaw il-programmi għal ħtiġijiet ġodda jew aġġornati matul l-implimentazzjoni. Ir-riprogrammazzjoni trid tkun ibbażata fuq ġustifikazzjoni motivata. Ir-regoli ppermettew żieda fil-possibbiltajiet ta' riprogrammazzjoni f'kull perjodu suċċessiv, għalkemm hemm ammont ta' xogħol amministrattiv sinifikanti assoċjat mal-proċess (il-paragrafi ***44***–***46***).

**14** Lil hinn mill-arranġamenti ta' flessibbiltà integrati tiegħu, il-qafas regolatorju għall-politika ta' koeżjoni spiss ġie emendat biex jgħin lill-Istati Membri jindirizzaw kriżijiet speċifiċi. L-adegwatezza tiegħu għar-rispons rapidu għall-kriżijiet tinsab fl-adattabbiltà tiegħu u r-riżorsi sinifikanti li jista' jimmobilizza. Ir-regoli tal-2021–2027 jippermettu flessibbiltà addizzjonali fi żminijiet ta' kriżi, u b'hekk il-Kummissjoni tkun tista' tieħu miżuri temporanji ta' rispons aktar malajr. Madankollu, l-użu tal-politika ta' koeżjoni għar-rispons, li jkun għal żmien qasir, għall-kriżijiet jirriskja li jimmina l-fokus strateġiku primarju tagħha fuq it-tisħiħ tal-koeżjoni u t-tnaqqis tad-disparitajiet bejn ir-reġjuni tal-UE (il-paragrafi *47*–*49*).

**Kaxxa 2**

**Opportunitajiet għall-flessibbiltà fil-programmazzjoni tal-fondi fil-politika ta' koeżjoni**

Għall-programmazzjoni futura, hemm l-opportunità li:

(1) jittieħdu passi biex il-fokus strateġiku għal żmien twil fuq it-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali u t-tnaqqis tad-disparitajiet ma jiġix imminat minn miżuri li jirrispondu primarjament għall-ħtiġijiet li jkunu għal żmien qasir;

(2) jittieħdu passi biex ir-regoli, bħall-konċentrazzjoni tematika, żgur jippermettu biżżejjed flessibbiltà għar-reġjuni biex jaraw li l-investimenti tagħhom żgur jindirizzaw il-ħtiġijiet tagħhom filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għall-prijoritajiet tal-UE;

(3) jiġi adottat approċċ aktar flessibbli, pereżempju billi ma ssirx programmazzjoni tal-fondi kollha fl-ewwel snin tal-perjodu, filwaqt li jinżamm bilanċ bejn il-ħtiġijiet ta' ppjanar strateġiku għal żmien twil u l-adattament għall-ħtiġijiet emerġenti;

(4) jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' riprogrammazzjoni u l-proċessi ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni sabiex l-ammont ta' xogħol amministrattiv jinżamm għall-minimu meħtieġ.

**Simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju**

**15** Mill-perjodu ta’ programmazzjoni 2000-2006, is-simplifikazzjoni kienet objettiv rikorrenti tal-Kummissjoni għall-fondi tal-politika ta’ koeżjoni. Ir-regoli li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-politika ta’ koeżjoni tal-UE huma importanti biex il-fondi żgur jintefqu bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi tal-politika, u li jagħtu valur għall-flus. Madankollu, dawn ir-regoli spiss jitqiesu kumplessi żżejjed. Huma jinkludu regoli speċifiċi tal-politika ta’ koeżjoni tal-UE, b’mod partikolari l-eliġibbiltà; regoli trażversali u tas-suq intern tal-UE oħra, bħal dawk dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat; u regoli nazzjonali (u xi drabi anke reġjonali) li jkopru aspetti importanti għal dawk li jfasslu l-politika u r-regolaturi fil-prattika. Dan joħloq kostijiet amministrattivi kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-amministraturi tal-programm, u jżid ir-riskju ta’ żbalji. Sabiex is-simplifikazzjoni tkun ta’ siwi għandha tqis ir-regoli rilevanti kollha tal-UE, dawk nazzjonali u dawk reġjonali. Kif indikajna ripetutament, is-simplifikazzjoni ma tridx issir għad-detriment tal-obbligu ta’ rendikont u tal-prestazzjoni (il-paragrafi ***50***–***52***).

**16** Ir-regoli li jirregolaw ir-rimborż tal-kostijiet imġarrba mill-benefiċjarji jirrikjedu dokumentazzjoni estensiva u mekkaniżmi ta’ kontroll. L-għażliet ta’ kostijiet issimplifikati jirrappreżentaw simplifikazzjoni, u huma inqas suxxettibbli għal żbalji mhux intenzjonati. Madankollu, minkejja xi progress, l-użu tagħhom mill-awtoritajiet maniġerjali għadu limitat, b’mod partikolari għall-FEŻR (il-paragrafu ***53***).

### Kaxxa 3

### Opportunitajiet għal aktar simplifikazzjoni tal-politika ta' koeżjoni

Għal kwalunkwe inizjattiva futura ta' simplifikazzjoni, hemm l-opportunità li:

(1) il-qafas legali jiġi rrazzjonalizzat mingħajr ma jiddgħajjef l-ilħuq tal-objettivi ta' koeżjoni. Dan jinkludi l-ikkunsidrar mill-ġdid ta' regoli speċifiċi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, regoli trażversali tal-UE applikabbli għall-politika, u regoli addizzjonali imposti mill-Istati Membri u mir-reġjuni;

(2) jittieħdu passi biex is-simplifikazzjoni żgur ma ssirx għad-detriment tal-obbligu ta' rendikont u tal-prestazzjoni;

(3) tingħata spinta lill-użu ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati b'mod ġenerali, u ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati kummerċjalment disponibbli b'mod partikolari.

**Assorbiment tal-fondi**

**17** Il-kapaċità ta' assorbiment hija l-kapaċità tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali li jonfqu r-riżorsi finanzjarji li jkunu ġew allokati lilhom. Huma diversi l-fatturi li jaffettwaw il-kapaċità ta' assorbiment, kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll fi ħdanhom. Dawn jinkludu d-dewmien fl-adozzjoni tal-oqfsa regolatorji u fl-approvazzjoni tal-programmi, kif ukoll il-kapaċità amministrattiva insuffiċjenti tal-awtoritajiet maniġerjali biex jagħżlu u jimplimentaw il-proġetti (il-paragrafi *54*–*55*).

**18** Biex il-finanzjament ta' koeżjoni jintuża b'mod effettiv, huwa kruċjali li l-awtoritajiet maniġerjali jevitaw li jonfqu ammonti sinifikanti ta' fondi tard fil-perjodu tal-programmazzjoni, billi dan jista' jnaqqas l-attenzjoni li jagħtu lill-valur miżjud potenzjali u l-kwalità tal-proġetti li jagħżlu. Il-problemi ta' assorbiment osservati qabel fil-politika ta' koeżjoni aggravaw fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 minħabba dewmien sinifikanti fil-qafas regolatorju, kompetizzjoni mal-RRF, u l-pressjoni li rriżultat fuq il-kapaċità amministrattiva. Aħna nnutajna li l-prefinanzjament ogħla taħt l-RRF inizjalment iffaċilita l-iżborż tal-fondi disponibbli f'dan l-istrument (il-paragrafi *56*–*62*).

### Kaxxa 4

### Opportunitajiet għal assorbiment aktar rapidu tal-fondi

Biex tittejjeb il-ħeffa tal-assorbiment tal-fondi fil-politika ta' koeżjoni, hemm l-opportunità li:

(1) il-qafas leġiżlattiv jiġi adottat kmieni biżżejjed biex jippermetti bidu f'waqtu tal-implimentazzjoni tal-programm;

(2) jiġi stabbilit eżerċizzju ta' programmazzjoni aktar mgħaġġel;

(3) l-Istati Membri jingħataw livelli adegwati ta' prefinanzjament biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni f'waqtha tal-proġetti.

**Żieda fl-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni**

**19** Il-Kummissjoni kellha l-għan li żżid l-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni tal-infiq fil-qasam tal-koeżjoni f'perjodi ta' programmazzjoni reċenti billi tinċentiva lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jiffukaw fuq il-ksib tar-riżultati matul l-implimentazzjoni tal-programm. Għal dan l-għan, hija introduċiet għadd ta' mekkaniżmi ġodda. Madankollu, kumplessivament, huma ma għamlux differenza notevoli fil-mod kif il-finanzjament mill-UE ġie allokat u żborżat (il-paragrafi *63*–*66*).

**20** Il-konklużjonijiet tagħna jindikaw li l-kundizzjonalitajiet jipprovdu inċentivi batuti biex l-infiq fil-qasam tal-koeżjoni jkun effettiv. F'ċerti oqsma, il-politika ta' koeżjoni diġà tista' tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni tar-riformi, u l-Kummissjoni reċentement ipproponiet li tkompli testendi dan l-appoġġ. Filwaqt li l-RRF tfasslet biex tappoġġa r-riformi fl-Istati Membri, ir-riżultati f'termini ta' indirizzar tal-isfidi strutturali u ta' kontribut għall-objettivi tal-UE s'issa kienu limitati. Mod kif tiġi inċentivata l-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni huwa permezz tal-mudell ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet. Madankollu, l-użu estensiv ta' dan il-mudell fl-RRF ma jagħmilhiex strument ibbażat fuq il-prestazzjoni. L-użu tal-mudell fil-politika ta' koeżjoni żdied fil-perjodu 2021–2027 meta mqabbel mal-2014–2020, iżda għadu limitat (il-paragrafi *67*–*79* u *90*–*92*).

**21** Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma kruċjali biex jiġi ddeterminat il-kontribut tal-infiq fil-qasam tal-koeżjoni biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni. Għalkemm is-sistema ta' monitoraġġ hija estensiva, ir-rapporti tagħna juru li ma tipprovdix biżżejjed informazzjoni dwar il-kisbiet tal-politika ta' koeżjoni fil-livell tal-UE, b'mod partikolari r-riżultati. Wasalna għal konklużjonijiet simili rigward l-RRF, li l-biċċa l-kbira tal-indikaturi komuni tagħha jkejlu biss l-output. In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' *data* affidabbli, flimkien ma' nuqqas ta' riżultati tal-evalwazzjoni f'waqthom biex jinfluwenzaw it-tħejjija tal-qafas legali ta' wara l-2027, jillimitaw b'mod sinifikanti r-rwol tal-evalwazzjoni fl-appoġġ għat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza (il-paragrafi *80*–*89* u *90*–*92*).

### Kaxxa 5

### Opportunitajiet għall-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni

Għall-fondi futuri tal-politika ta' koeżjoni, hemm l-opportunità li:

(1) jiġu appoġġati biss riformi li jtejbu direttament l-effiċjenza u l-effettività tal-investimenti ffinanzjati mill-UE;

(2) jittieħdu passi biex ir-riformi u l-investimenti jiġu ddefiniti fl-istess livell (nazzjonali jew reġjonali) sabiex il-pagamenti lir-reġjuni ma jkunux jiddependu mill-implimentazzjoni b'suċċess tar-riformi nazzjonali;

(3) jitqies il-kuntest tar-reġjuni individwali meta dawn jintalbu jippromulgaw ir-riformi, u li l-investimenti jiffukaw fuq il-potenzjal ekonomiku speċifiku mhux sfruttat tagħhom bħala mod kif jinkiseb it-tkabbir;

(4) jissaħħaħ it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza billi jittieħdu passi biex żgur ikunu disponibbli *data* ta' monitoraġġ utli u affidabbli, u riżultati ta' evalwazzjoni f'waqthom u ta' kwalità għolja.

Jekk jintużaw mudelli ta' finanzjament ibbażati fuq il-prestazzjoni fil-politika ta' koeżjoni, hemm l-opportunità li:

(5) il-finanzjament jintrabat b'mod ċar mar-riżultati. Jekk dan ma jkunx possibbli, jenħtieġ li ma tiġix applikata sistema bħal din;

(6) jittieħdu passi biex l-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni żgur tmur lil hinn mill-ispeċifikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' pagament, bħal stadji importanti u miri, u tinkludi l-elementi kollha meħtieġa għall-valutazzjoni tal-effettività u tal-effiċjenza;

(7) jiġu ddefiniti l-kundizzjonijiet ta' pagament armonizzati, u jiġu applikati b'mod konsistenti għall-Istati Membri kollha biex żgur ikun hemm trattament ugwali;

(8) jiġu ddefiniti b'mod ċar l-ambitu u l-objettivi ta' dawn l-istrumenti biex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-finanzjament mill-UE u jiġu evitat li jkun hemm koinċidenzi bejn programmi differenti;

(9) tiġi pprovduta informazzjoni f'waqtha u trasparenti dwar x'kontribut ta l-finanzjament biex jintlaħqu l-objettivi tal-istrument, u b'liema mod.

**Regolarità tal-infiq fil-qasam tal-koeżjoni**

**22** Tradizzjonalment, il-pagamenti ta' koeżjoni fil-biċċa l-kbira jirrimborżaw il-kostijiet tal-proġetti ddikjarati mill-benefiċjarji, li jeħtieġ li jikkonformaw ma' regoli u proċessi kumplessi tal-UE u ma' dawk nazzjonali. Dan joħloq riskju inerenti għoli li r-regoli ma jiġux segwiti, u dan iwassal għal żbalji. L-awditi li wettaqna wrew matul is-snin li l-infiq fil-qasam tal-koeżjoni jibqa' l-qasam baġitarju tal-UE bl-ogħla rata ta' żbalji ta' konformità, kontinwament ogħla mis-soll ta' materjalità. Dan ifisser li l-qafas ta' aċċertament li hemm fis-seħħ għadu mhuwiex għalkollox effettiv (il-paragrafi *93*–*97*).

**23** L-awtoritajiet tal-Istati Membri jirrappurtaw lill-Kummissjoni l-pagamenti li jkunu għamlu lill-benefiċjarji li huma jqisu eliġibbli għall-finanzjament tal-UE, u jipprovdu aċċertament li huma regolari. Skont il-qafas ta' aċċertament tal-koeżjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha aċċertament li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll jiffunzjonaw b'mod effettiv. Madankollu, biex tikseb dan, il-Kummissjoni tiddependi ħafna mill-funzjonament effettiv tas-sistemi tal-awtoritajiet tal-Istati Membri involuti fil-verifika u fl-awditjar tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni (il-paragrafi *98*–*101*).

**24** B'differenza mill-infiq fil-qasam tal-koeżjoni, il-konformità mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali mhijiex kundizzjoni għall-pagament taħt l-RRF. Aħna rrappurtajna li l-qafas ta' konformità tal-RRF, u r-regoli għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE mhumiex robusti biżżejjed u li huwa essenzjali li l-istrumenti futuri jitfasslu u jiġu implimentati b'mod li ma jkunx ta' detriment għall-obbligu ta' rendikont u għat-trasparenza. Filwaqt li ż-żewġ mudelli ta' implimentazzjoni huma differenti, sibna li l-oqfsa ta' aċċertament/konformità li jirfdu ż-żewġ mudelli — inklużi s-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri — mhumiex effettivi biżżejjed. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tistax tagħmel korrezzjonijiet għal ksur individwali tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku għall-RRF, ħlief fil-każ ta' irregolaritajiet serji bħal frodi, korruzzjoni jew kunflitt ta' interess (il-paragrafi *102*–*104*).

## Kaxxa 6

## Opportunitajiet għal aktar regolarità fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni

Biex żgur ikun hemm legalità u regolarità, hemm l-opportunità li:

(1) jiġu stabbiliti arranġamenti xierqa għall-obbligu ta’ rendikont;

(2) jissaħħu s-sistemi ta’ kontroll biex żgur ikun hemm konformità mar-regoli tal-UE u ma’ dawk nazzjonali; u

(3) jittieħdu passi biex żgur ikun hemm arranġamenti effettivi stabbiliti ħalli jiġu rkuprati fondi użati ħażin.

# Fatturi li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-politika ta’ koeżjoni

**25** Il-Kummissjoni għandha responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Fil-każ tal-fondi tal-politika ta’ koeżjoni din ir-responsabbiltà hija kondiviża mal-Istati Membri. L-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali jiddeċiedu kif jonfqu l-fondi f’konformità mal-prijoritajiet u l-objettivi tal-UE. L-awtoritajiet maniġerjali jagħżlu l-proġetti li għandhom jiġu appoġġati, iħallsu lill-benefiċjarji, u jimmaniġġjaw u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni. F’din it-taqsima, qed nużaw ir-riżultati tax-xogħol tagħna ta’ awditjar u ta’ analiżi biex nidentifikaw opportunitajiet għal implimentazzjoni aħjar tal-politika ta’ koeżjoni.

## L-istabbiliment tal-objettivi

### L-objettivi tal-politika ta’ koeżjoni saru usa’ maż-żmien

**26** Skont l-Artikolu 174 tat-TFUE, il-politika ta’ koeżjoni oriġinarjament inħolqot bl-objettiv li tnaqqas id-disparitajiet reġjonali. Il-fokus tagħha evolva u twessa’ maż-żmien biex jinkludi għadd akbar ta’ prijoritajiet tal-UE[2]. Hija tikkontribwixxi għat-twettiq ta’ sett wiesa’ ta’ objettivi tal-UE, inklużi t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u oqsma ta’ politika bħar-riċerka u l-innovazzjoni, l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-ħiliet, il-kooperazzjoni bejn il-fruntieri, it-trasport sostenibbli u l-inklużjoni soċjali. L-*Anness II* jippreżenta sinteżi tas-sejbiet tar-rapporti li jkopru l-impatt tal-politika ta’ koeżjoni fuq it-tnaqqis tad-disparitajiet u l-implikazzjonijiet tagħha biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi fl-UE kollha.

---

[2] The future of EU cohesion: Scenarios and their impacts on regional inequalities — Cost of non-Europe, EPRS, 2024, p. 8.

**27** Il-proposti regolatorji tal-Kummissjoni, li saru bħala parti mir-rieżami tagħha ta' nofs it-terminu tal-2025, jirriflettu li r-riżorsi ta' koeżjoni kulma jmur qegħdin jiġu mmobbilizzati biex jindirizzaw il-prijoritajiet emerġenti tal-UE. Il-proposti jinkludu inċentivi għall-awtoritajiet maniġerjali biex jipprogrammaw mill-ġdid il-fondi tagħhom ħalli jirriflettu l-bidla fil-prijoritajiet lejn il-kompetittività, l-akkomodazzjoni affordabbli, ir-reżiljenza tal-ilma, il-kapaċità tal-produzzjoni tad-difiża u l-mobbiltà militari. Fl-opinjoni tagħna dwar dawn il-proposti, aħna ninnutaw li, filwaqt li dan jaf isaħħaħ il-kapaċità ta' rispons għall-prijoritajiet li qed jevolvu, hemm ir-riskju li tiżdied il-frammentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni u li tikber il-kumplessità fl-implimentazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-użu tal-fondi disponibbli biex jaqdu objettivi strateġiċi usa' jirriskja li jdgħajjef l-approċċ ibbażat fuq il-post — jiġifieri, il-prinċipju li l-investimenti jitfasslu għall-ħtiġijiet u l-potenzjal speċifiċi ta' kull reġjun — u jirriskja li jnaqqas l-effettività tal-politika fit-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt tal-proposti tal-Kummissjoni jagħmilha diffiċli li jiġu vvalutati l-effetti potenzjali tal-bidliet proposti.

**28** Barra minn hekk, il-politika ta' koeżjoni hija suġġetta wkoll għal sett ta' prinċipji trażversali: "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (lill-objettivi ambjentali); il-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni; il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli; u l-appoġġ għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-Ftehim ta' Pariġi[3]. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mitluba biex, huma u jipprogrammaw u jimplimentaw il-politika ta' koeżjoni, jieħdu inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-proċess tas-Semestru Ewropew (il-paragrafu ***67***). Minħabba l-firxa wiesgħa ta' objettivi u prinċipji li l-politika ta' koeżjoni hija mistennija li tindirizza, preċedentement indikajna l-ħtieġa li jkun hemm prijoritajiet tal-UE ċari, b'miri rilevanti[4].

**29** Il-politika ta' koeżjoni għandha l-għan li tindirizza kemm il-ħtiġijiet reġjonali kif ukoll dawk nazzjonali, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll għal objettivi Ewropej usa". Il-ġenerazzjoni ta' valur miżjud tal-UE jimplika li azzjoni meħuda fil-livell tal-UE twassal għal benefiċċji akbar minn azzjoni meħuda fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. Ir-rapport analitiku 03/2025 tagħna jinnota li l-valur miżjud tal-UE jista' jitkejjel b'mod effettiv biss jekk ikun definit b'mod ċar u applikat b'mod konsistenti.

---

[3] Il-Premessa 16 u l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 2021/1060.

[4] Ir-Rapport Analitiku 08/2019 (Dokument Informattiv u Analitiku), il-paragrafi 14 u 128.

## Fokus akbar fuq il-kompetittività

**30** L-aġenda strateġika tal-Kunsill għall-perjodu 2024–2029 u l-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni għall-istess perjodu jiffukaw fuq sforzi biex tittejjeb il-kompetittività tal-UE billi tiżdied il-produttività meta mqabbla ma' dik tal-kompetituri globali tagħha. L-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti għamlu s-sigurtà ekonomika u l-kompetittività tal-UE prijoritajiet importanti. Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jappoġġa l-kompetittività bħala mod kif jiġi promoss it-tkabbir. Dan jikkontribwixxi b'mod partikolari għat-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali billi jappoġġa l-potenzjal tat-tkabbir tar-reġjuni inqas żviluppati.

**31** Għadd ta' fondi tal-UE li jappoġġaw il-kompetittività, bħal Orizzont Ewropa, huma ġestiti direttament mill-Kummissjoni. Dan ifisser li d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jittieħdu fil-livell tal-UE aktar milli mill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali. Hemm differenzi sinifikanti bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri tal-UE fil-livelli ta' parteċipazzjoni tagħhom f'dawn il-programmi. Il-parteċipazzjoni hija tipikament ibbażata fuq sejħiet għal proposti kompetittivi ħafna, u r-reġjuni bi prestazzjoni ogħla fl-innovazzjoni għandhom aktar ċans li jirnexxilhom jiksbu dawn il-fondi[5]. Orizzont Ewropa indirizza d-distakk fl-innovazzjoni f'dawk l-Istati Membri bi prestazzjoni baxxa, iżda l-finanzjament huwa limitat ħafna meta mqabbel mal-koeżjoni[6]. Għalhekk, l-appoġġ tal-koeżjoni huwa importanti biex tiżdied il-kompetittività fir-reġjuni inqas żviluppati.

**32** Il-Kummissjoni trawwem sinerġiji mtejba bejn il-programmi ġestiti direttament u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni (b'ġestjoni kondiviża)[7]. Preċedentement irrappurtajna li nuqqas ta' allinjament bejn id-dispożizzjonijiet regolatorji jxekkel sinerġiji ta' dan it-tip. Pereżempju, għall-kuntrarju tal-politika ta' koeżjoni, il-programmi ġestiti direttament ma jirrikjedux li l-investimenti jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" lill-ambjent.

---

[5] Rapport speċjali 23/2022, il-paragrafu 50 u l-Figura 8; Molica, F. u Marques Santos, A, Complementarities between R&I funds across EU regions, Ċentru Konġunt tar-Riċerka, 2024.

[6] Ir-Rapport Speċjali 15/2022, il-paragrafu II.

[7] Ir-Rapport Speċjali 23/2022, il-paragrafi 3–4.

**33** L-appoġġ għall-kompetittività taħt il-FEŻR u l-FK jiffoka fuq l-investimenti fl-SMEs. Irrikonoxxejna l-importanza li l-SMEs jiġu appoġġati bħala s-sinsla tal-ekonomija tal-UE[8]. Madankollu, filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jużaw l-RRF biex jappoġġaw kumpaniji kbar, il-finanzjament mill-FEŻR u mill-FK għal investimenti produttivi f'tali entitajiet huwa limitat. Huwa biss taħt ċerti kundizzjonijiet li l-FEŻR u l-FK jistgħu jappoġġaw proġetti ta' riċerka u innovazzjoni, ta' effiċjenza enerġetika u ta' enerġija rinnovabbli, u investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa[9].

## L-indirizzar tal-ħtiġijiet reġjonali u lokali

**34** Il-politika ta' koeżjoni hija mfassla biex issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u biex tirrispondi għall-ħtiġijiet diversi ta' żvilupp tar-reġjuni fl-UE kollha. Din hija msejsa fuq il-prinċipju ta' sħubija. L-għan huwa li jittieħdu passi biex l-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra żgur ikunu involuti b'mod sinifikattiv matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi. Il-prinċipju tas-sħubija għandu wkoll l-għan li jara li l-programmi jkunu bbażati fuq approċċ ta' governanza minn isfel għal fuq u f'diversi livelli, b'appoġġ imfassal apposta għall-isfidi territorjali u l-ħtiġijiet lokali[10].

**35** Aħna sibna li l-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet mhux dejjem kienu marbuta biżżejjed mal-objettivi tal-programm. B'riżultat ta' dan, l-objettivi stabbiliti fil-programmi mhux dejjem kienu jirriflettu l-ħtiġijiet reġjonali jew nazzjonali, u/jew ma kinux ċari[11]. Programmazzjoni u prattiki tal-għażla b'saħħithom ibbażati fuq il-ħtiġijiet kienu jgħinu biex il-politika ta' koeżjoni żgur tagħti valur ġenwin fil-prattika. Aħna ssottolinjajna l-importanza li jintużaw kriterji trasparenti, oġġettivi u bbażati fuq il-ħtiġijiet biex jiġu identifikati l-proġetti li jindirizzaw bl-aħjar mod il-lakuni fl-iżvilupp reġjonali u jiġu ffinanzjati proġetti li altrimenti ma jsirux[12].

---

[8] Ir-Rapport Speċjali 08/2022, il-paragrafu I.

[9] L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2021/1058.

[10] L-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 240/2014.

[11] IrRapport Analitiku 08/2019 (Dokument Informattiv u Analitiku), il-paragrafi 35–36; ir-Rapport Speċjali 19/2018, il-paragrafu 99; ir-Rapport Speċjali 05/2017, il-paragrafi 165 u 170; ir-Rapport Speċjali 08/2015, il-paragrafu 66.

[12] Ir-Rapport Analitiku 08/2019 (Dokument Informattiv u Analitiku), il-paragrafi 31 u 37-38; ir-Rapport Speċjali 21/2018, il-paragrafi 15–16.

**36** Il-politika ta' koeżjoni tappoġġa wkoll il-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni u l-pajjiżi permezz tal-programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, magħrufa bħala "Interreg". Dawn il-programmi jfittxu li jegħlbu l-ostakli relatati mal-fruntieri u jindirizzaw l-isfidi komuni identifikati b'mod konġunt mill-Istati Membri u r-reġjuni. Kemm għall-perjodu 2014–2020 kif ukoll għall-perjodu 2021–2027, Interreg kienet tirrappreżenta inqas minn 3 % tal-baġit ta' koeżjoni, u dan illimita l-ambitu biex jiġu indirizzati l-isfidi transfruntiera jew tranżnazzjonali. Għall-programmi transfruntiera eżistenti, sibna li l-potenzjal tagħhom li jisfruttaw il-kapaċità ta' żvilupp fir-reġjuni tal-fruntiera ma ġiex sfruttat bis-sħiħ[13].

**37** Il-politika ta' koeżjoni u l-RRF jikkondividu objettivi komuni u jiffinanzjaw tipi simili ta' investiment (il-***Figura 1***). Filwaqt li l-politika ta' koeżjoni topera permezz ta' diversi programmi b'fokus qawwi fuq il-ħtiġijiet territorjali u fuq ir-reġjuni inqas żviluppati, l-RRF hija strument ċentralizzat implimentat permezz ta' pjan nazzjonali uniku għal kull Stat Membru. B'differenza mill-politika ta' koeżjoni, il-prinċipju tas-sħubija ma japplikax għall-RRF. L-Istati Membri huma meħtieġa biss li jipprovdu lill-Kummissjoni ħarsa ġenerali tal-konsultazzjonijiet li kellhom meta kienu qed iħejju l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) tal-RRF tagħhom[14].

## Flessibbiltà fl-infiq tal-politika ta' koeżjoni

**38** Il-flessibbiltà fl-infiq tal-politika ta' koeżjoni tirreferi għall-abbiltà li l-programmi jiġu aġġustati biex jirrispondu għal kundizzjonijiet soċjoekonomiċi li qed jevolvu, sfidi mhux previsti u prijoritajiet emerġenti. Din it-taqsima tiddeskrivi kif il-flessibbiltà żdiedet maż-żmien, inkluż b'rispons għall-kriżijiet.

[13] Ir-Rapport Speċjali 14/2021, il-paragrafi 7 u 93–94.

[14] Ir-Rapport Analitiku 01/2023, il-paragrafi 37–38.

## L-ippjanar għal żmien twil jipprovdi prevedibbiltà iżda jista' jfixkel il-flessibbiltà

**39** Il-qafas tal-politika ta' koeżjoni huwa mfassal biex jipprovdi direzzjoni strateġika u prevedibbiltà għal żmien twil. Il-fondi jiġu allokati lill-Istati Membri abbażi ta' negozjati politiċi ta' livell għoli fil-livell tal-UE[15]. L-Istati Membri mbagħad iqassmu l-allokazzjonijiet baġitarji tagħhom lil programmi nazzjonali u reġjonali, filwaqt li jqisu l-kategoriji li jagħmlu parti minnhom ir-reġjuni tagħhom (il-paragrafu ***04***). Dan l-approċċ jippermetti prevedibbiltà finanzjarja, li tippermetti li jiġu pprovduti investiment u appoġġ għal perjodi estiżi sa 10 snin, iżda jillimita l-flessibbiltà li l-programmi jiġu adattati għall-ħtiġijiet li qed jevolvu jew għar-rispons għall-kriżijiet.

**40** Barra minn hekk, ir-regoli ta' diżimpenn jirrikjedu li l-Istati Membri jonfqu l-fondi allokati annwali tagħhom f'perjodu ta' żmien stabbilit — tipikament sentejn jew tliet snin — jew jirriskjaw li jitilfuhom[16].

**41** L-Istati Membri jiddefinixxu l-użu ta' kull fond għall-perjodu kollu permezz ta' ftehimiet u programmi ta' sħubija, abbażi ta' valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet u suġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Il-fondi huma allokati għal objettivi u oqsma ta' politika speċifiċi u r-regoli dwar il-konċentrazzjoni tematika japplikaw skont approċċ minn fuq għal isfel (il-***Kaxxa 7***).

---

[15] Ir-Rapport Analitiku 03/2019 (Analiżi Rapida dwar Każ Speċifiku), il-paragrafu 6.

[16] L-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

### Kaxxa 7

### Regoli dwar il-konċentrazzjoni tematika

Ir-regoli dwar il-konċentrazzjoni tematika jirrikjedu li proporzjon sinifikanti tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jiġi allokat għall-prijoritajiet tal-UE, b'solli li jvarjaw skont il-kategorija tar-reġjuni jew l-isfidi soċjali speċifiċi. Għall-perjodu 2021–2027[17]:

— taħt il-FEŻR, ir-reġjuni aktar żviluppati jeħtiġilhom jallokaw mill-inqas 85 % tal-fondi għall-kompetittività u l-innovazzjoni u għat-tranżizzjoni ekoloġika, u mill-inqas 30 % speċifikament għat-tranżizzjoni ekoloġika. Min-naħa tagħhom, ir-reġjuni inqas żviluppati jeħtiġilhom jallokaw mill-inqas 25 % tal-fondi għall-kompetittività u l-innovazzjoni u mill-inqas 30 % għat-tranżizzjoni ekoloġika. Barra minn hekk, mill-inqas 8 % tal-FEŻR fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jiġi allokat għall-iżvilupp urban sostenibbli;

— taħt il-FSE+ mill-inqas 25 % tal-fondi jridu jiġu allokati għall-inklużjoni soċjali, u mill-inqas 3 % għall-appoġġ lill-persuni l-aktar fil-bżonn. Meta l-Istati Membri jkollhom rati ta' faqar fost it-tfal jew ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ, 'il fuq mill-medji tal-UE għall-perjodu 2017–2019, huma jeħtiġilhom jipprogrammaw minn tal-inqas 5 % għall-faqar fost it-tfal u 12.5 % għall-impjieg taż-żgħażagħ.

**42** Il-konċentrazzjoni tematika tgħin biex tissaħħaħ ir-rabta bejn il-prijoritajiet tal-UE u l-finanzjament mill-UE[18]. Aħna ninnutaw li spiss ġew introdotti derogi għar-regoli dwar il-konċentrazzjoni tematika fil-qafas regolatorju tal-politika ta' koeżjoni biex tiġi ffaċilitata r-riprogrammazzjoni. Dan jista' jdgħajjef il-kredibbiltà u l-effett ġenerali tar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika[19].

**43** Meta mqabbla mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, l-RRF timponi inqas kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u tapplika allokazzjoni tematika differenti. Din tal-aħħar hija limitata għal minimu ta' 37 % tal-allokazzjoni totali bħala appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika, u 20 % bħala appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali[20].

---

[17] L-Artikolu 4 u 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 2021/1058; l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/1057.

[18] L-Opinjoni 06/2018, il-paragrafu 17; ir-Rapport Speċjali 02/2017, il-paragrafi 67–80.

[19] L-Opinjoni 02/2025, il-paragrafu 41; ir-Rapport Speċjali 02/2023, il-paragrafu 69; ir-Rapport Speċjali 02/2017, il-paragrafi 69 u 144.

[20] L-Artikolu 18(4)(e) u (f) tar-Regolament (UE) 2021/241.

## Ir-riprogrammazzjoni saret aktar frekwenti

44 Ir-riprogrammazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni hija l-mekkaniżmu prinċipali disponibbli għall-awtoritajiet maniġerjali biex jadattaw il-programmi matul l-implimentazzjoni biex jissodisfaw ħtiġijiet ġodda jew aġġornati. L-emendi jirrikjedu talba motivata, akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-impatt mistenni fuq l-ilħuq tal-objettivi tal-programm. Dawn iridu jirrispettaw ukoll ir-restrizzjonijiet ewlenin — bħall-konċentrazzjoni tematika — u jiksbu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni biex żgur ikun hemm allinjament mal-objettivi tal-UE u mar-rekwiżiti legali[21]. Ma' kull perjodu ta' programmazzjoni ġdid — inkluż il-perjodu 2021–2027 (il-*Kaxxa 8*) — ir-regoli ġew adattati dejjem aktar biex jiffaċilitaw ir-riprogrammazzjoni.

### Kaxxa 8

### Flessibbiltajiet ġodda integrati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027

— Sa 8 % tal-allokazzjoni għal prijorità partikolari tista' tiġi riallokata għal prijorità oħra fi ħdan l-istess fond, programm, u kategorija ta' reġjun mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissjoni (limitata għal 4 % tal-baġit totali tal-programm).

— 50 % tal-allokazzjonijiet tal-programmi għall-aħħar sentejn jiġu allokati b'mod definittiv matul ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-2025, u b'hekk jippermettu li l-aġġustamenti jirriflettu l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi li qed jevolvu.

— L-emendi għall-ftehimiet ta' sħubija, suġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, ma għadhomx meħtieġa jirriflettu l-bidliet fil-programmi[22].

[21] L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

[22] Il-premessa 18 u l-Artikoli 18, 24(5) u 26 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

**45** L-awtoritajiet maniġerjali kienu qed jimmodifikaw il-programmi aktar spiss, xi drabi ripetutament f'perjodi qosra[23]. Fil-perjodu 2007–2013, il-programmi ġew immodifikati medja ta' 1.3 darba; dan żdied għal 8.2 darbiet għall-perjodu 2014–2020. Aktar minn 15 % tal-fondi totali tal-2014–2020 ġew riprogrammati. F'xi programmi, ġie riallokat aktar minn nofs il-finanzjament. Aħna osservajna li l-proċess ta' riprogrammazzjoni jżid mal-ammont ta' xogħol amministrattiv għall-awtoritajiet maniġerjali[24].

**46** Kemm għall-politika ta' koeżjoni kif ukoll għall-RRF innutajna dewmien fl-implimentazzjoni tal-investimenti kif ippjanat, parzjalment minħabba ċirkustanzi esterni (eż. l-inflazzjoni, problemi marbuta mal-katina tal-provvista u diffikultajiet legali). Dan id-dewmien poġġa l-użu effettiv tal-fondi f'riskju[25]. Biex jindirizzaw l-isfidi tal-implimentazzjoni tal-RRF, l-Istati Membri kollha użaw l-għażla li jirrevedu l-RRPs tagħhom, suġġett għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill[26].

## Il-politika ta' koeżjoni spiss ġiet aġġustata biex tippermetti flessibbiltà relatata mal-kriżi

**47** Lil hinn mill-arranġamenti ta' flessibbiltà integrati, il-qafas regolatorju tal-politika ta' koeżjoni spiss ġie emendat biex jgħin lill-Istati Membri jindirizzaw kriżijiet speċifiċi (il-***Figura 2***). Ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) ġie mmodifikat 16-il darba fil-perjodi ta' programmazzjoni 2007–2013 u 2014–2020 biex jiġu introdotti miżuri temporanji. Dawn il-miżuri tipikament kellhom l-għan li jagħmlu r-regoli inqas stretti (eż. jippermettu trasferimenti jew iwessgħu l-eliġibbiltà) u li jtaffu l-pressjoni fuq il-baġits nazzjonali permezz ta' għażliet bħal 100 % finanzjament mill-UE[27]. Madwar 30 % tal-emendi għall-programmi tal-FEŻR u tal-FK matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 kellhom l-għan speċifiku li jattivaw id-dispożizzjonijiet dwar ir-rispons għall-kriżijiet li jkunu għadhom kif ġew introdotti fir-RDK.

---

[23] Ir-Rapport Speċjali 24/2021, il-paragrafi 53–57 u 120; ir-Rapport Speċjali 17/2018, il-paragrafi 46–47.

[24] Ir-Rapport Speċjali 02/2023, il-paragrafi 35–36.

[25] Ir-Rapport Speċjali 13/2024, il-paragrafi 29–41.

[26] L-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

[27] Ir-Rapport Speċjali 02/2023, il-paragrafi 84–85.

## Figura 2 — Reazzjoni tal-politika ta' koeżjoni għall-kriżijiet matul il-perjodi 2007–2013 u 2014–2020

### Kriżi ekonomika u finanzjarja — 2009 - 2010

**Sensiela ta' miżuri biex jitħaffef u jiġi ssimplifikat l-infiq tal-politika ta' koeżjoni biex jiġu indirizzati l-effetti negattivi tal-kriżi finanzjarja u tittaffa l-pressjoni fuq ir-riżorsi nazzjonali**

- Estensjoni tal-programmi 2000 - 2006
- Rilassament tar-regoli ta' diżimpenn tal-2007 biex jiġi pprevenut it-telf ta' fondi
- Żieda fil-prefinanzjament u fil-forniment minn qabel tal-kofinanzjament tal-UE biex tiġi injettata l-likwidità
- Simplifikazzjoni tar-regoli biex jiġi aċċellerat l-infiq

### Diffikultajiet finanzjarji serji tal-Istati Membri — 2011 - 2016

**Miżuri addizzjonali għall-Istati Membri partikolarment milquta mill-kriżi finanzjarja**

- Kofinanzjament ogħla tal-UE għall-pajjiżi milquta
- Data ta' skadenza tad-diżimpenn estiża għar-Rumanija u għas-Slovakkja
- Għażla biex jiġu stabbiliti strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskji taħt il-politika ta' koeżjoni
- Miżuri finanzjarji speċifiċi għall-Greċja

### Terremoti fl-Italja — 2016 - 2017

**Wara t-terremoti fl-Italja fl-2016, ittieħdu miżuri ta' appoġġ għar-rikostruzzjoni fir-reġjuni milquta minn diżastri naturali kbar**

- Assi prijoritarju ġdid għall-finanzjament tar-rikostruzzjoni permezz tal-FEŻR
- 100 % finanzjament tal-UE u retroattività mid-data tad-diżastri

### Fluss ta' refuġjati mis-Sirja — 2018

**B'rispons għall-kriżi tar-refuġjati li bdiet fl-2015**

- Dispożizzjonijiet speċifiċi introdotti biex jiffaċilitaw l-użu tal-fondi ħalli jappoġġaw l-akkoljenza u l-integrazzjoni tar-refuġjati

### Il-pandemija tal-COVID-19 — 2020

**Sensiela ta' miżuri biex jiffaċilitaw l-użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni fil-kuntest tal-pandemija globali**

- CRII/CRII+: 100 % finanzjament mill-UE għal sena, nuqqas ta' rkupru eċċezzjonali tal-prefinanzjament, retroattività u flessibbiltà biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid
- REACT-EU: fondi addizzjonali taħt assi tematiku separat b'finanzjament 100 % mill-UE

### Fluss ta' refuġjati mill-Ukrajna — 2022

**Miżuri biex jgħinu lill-Istati Membri li jappoġġaw nies li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna (CARE)**

- 100 % finanzjament mill-UE għal sena waħda u żieda fil-prefinanzjament
- Flessibbiltà għal operazzjonijiet relatati mar-refuġjati inklużi għażliet ta' kostijiet simplifikati speċifiċi ġodda

### Kriżi tal-enerġija — 2023

**Miżuri biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija (REPowerEU)**

- 100 % finanzjament mill-UE għal xi miżuri
- Flessibbiltà fl-użu tar-riżorsi

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

**48** Il-politika ta' koeżjoni ntużat għal rispons rapidu għall-kriżijiet minħabba l-adattabbiltà tagħha u r-riżorsi sinifikanti li tista' timmobilizza. L-analiżi tagħna tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII) u tal-inizjattiva tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 turi l-potenzjal ta' rispons tal-politika ta' koeżjoni għall-kriżijiet. Il-bidliet regolatorji ppermettew li l-fondi mhux użati jiġu ridirezzjonati, iżda dawk l-awtoritajiet maniġerjali li kienu diġà impenjaw l-allokazzjonijiet tagħhom ma setgħux jużaw dawn il-flessibbiltajiet[28]. Abbażi ta' din l-esperjenza, ir-regoli tal-2021–2027 jippermettu flessibbiltà addizzjonali fi żminijiet ta' kriżi. Dawn jippermettu lill-Kummissjoni tirrispondi għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali aktar malajr permezz ta' miżuri temporanji, sakemm il-Kunsill jirrikonoxxihom bħala tali. Pereżempju, dan jinkludi ż-żieda tal-kofinanzjament b'10 punti perċentwali, jew li l-proġetti kkompletati jitħallew jintgħażlu b'mod retrospettiv għal perjodu ta' mhux aktar minn 18-il xahar[29].

**49** Madankollu, irrappurtajna li l-użu rikorrenti tal-politika ta' koeżjoni għal rispons, li jkun għal żmien qasir, għall-kriżijiet jirriskja li jimmina l-fokus strateġiku primarju tagħha li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali u tnaqqas id-disparitajiet bejn ir-reġjuni tal-UE[30].

## Simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju

**50** Bħal kull qasam ta' nfiq pubbliku, ir-regoli tal-politika ta' koeżjoni tal-UE huma importanti biex jgħinu fl-isforzi biex żgur jiġu allokati fondi sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika, f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Ir-regoli tal-politika ta' koeżjoni spiss huma meqjusa kumplessi żżejjed, u jikkontribwixxu għal kostijiet amministrattivi mhux neċessarji kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-amministraturi tal-programm. Barra minn hekk huma meqjusa wkoll bħala wieħed mill-fatturi li jwasslu għal żball ta' riskju għoli[31] (il-***Kaxxa 13***).

[28] Ir-Rapport Speċjali 02/2023, il-paragrafi 23, 85 u 88; ir-Rapport Speċjali 05/2025, il-paragrafi 22, 25 u 81.

[29] L-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1060; l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2021/1057; l-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2021/1058.

[30] Ir-Rapport Speċjali 02/2023, il-paragrafi 85 u 94.

[31] Ir-Rapport Analitiku 05/2018(Dokument Informattiv u Analitiku), il-paragrafi I, 18 u 61; ir-Rapport Annwali 2020, il-paragrafi 1.18 u 1.21.

**51** Is-simplifikazzjoni ilha objettiv rikorrenti tal-Kummissjoni fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni sa mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006. Ġew introdotti aktar miżuri għall-perjodu 2014–2020 u għall-perjodu 2021–2027, l-aktar għall-awtoritajiet maniġerjali[32] (il-***Kaxxa 9***). Is-simplifikazzjoni tkompli tidher b'mod prominenti fuq l-aġenda tal-UE għall-perjodu ta' wara l-2027[33]. Aħna nappoġġaw is-simplifikazzjoni, billi regoli kumplessi jikkontribwixxu għal aktar irregolarità[34]. Madankollu, indikajna ripetutament li s-simplifikazzjoni ma tridx issir għad-detriment tal-obbligu ta' rendikont u tal-prestazzjoni[35].

[32] Ir-Rapport Analitiku 05/2018 (Dokument Informattiv u Analitiku), il-paragrafi 2 u 4–5; Commission Simplification Handbook for 2021–2027.

[33] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-koeżjoni u l-Politika ta' Koeżjoni ta' wara l-2027, 2025; Mission Letter of Executive Vice-President for Cohesion and Reforms, il-Kummissjoni Ewropea, 2024.

[34] L-Opinjoni 06/2018, il-paragrafu 7; ir- Rapport Annwali 2020, il-paragrafi 1.18 u 1.21.

[35] L-Opinjoni 06/2018, il-paragrafu 50; ir-Rapport Analitiku 05/2018(Dokument Informattiv u Analitiku), il-paragrafi 14 u 38; ir-Rapport Speċjali 22/2024, il-paragrafi 40 u 101.

## Kaxxa 9

### Eżempji ta' inizjattivi ta' simplifikazzjoni

Ir-RDK għall-perjodu 2014–2020 introduċa:

— għażliet ta' kostijiet issimplifikati (SCOs): bażi legali usa' għal somom f'daqqa, skali standard ta' kostijiet unitarji u rati fissi, inklużi rati fissi kummerċjalment disponibbli definiti minn qabel mill-Kummissjoni;

— regoli armonizzati: l-introduzzjoni ta' RDK uniku li jkopri diversi fondi, bl-għan li tiżdied il-koerenza;

— miżuri ta' kontroll proporzjonati: inqas awditi jkunu meħtieġa għal programmi li jiffunzjonaw tajjeb.

Ir-RDK għall-perjodu 2021–2027 introduċa:

— finanzjament mhux marbut mal-kostijiet: għażla ġdida li tippermetti li l-pagamenti jkunu bbażati biss fuq l-issodisfar tal-kundizzjonijiet, it-twettiq tal-istadji importanti jew l-outputs;

— użu estiż tal-SCOs: ir-rati approvati mill-2014–2020 setgħu jintużaw mill-ġdid mingħajr ġustifikazzjoni ulterjuri;

— dokumenti ta' programmazzjoni ssimplifikati: ftehimiet u programmi ta' sħubija aktar konċiżi, b'inqas elementi obbligatorji;

— assistenza teknika b'rata fissa marbuta mal-progress fl-implimentazzjoni tal-programm, li tnaqqas il-ħtieġa ta' rappurtar dettaljat tal-kostijiet;

— verifiki ta' ġestjoni bbażati fuq ir-riskju, għażla għal arranġamenti tal-awditjar proporzjonati msaħħa u rinfurzar tal-prinċipju ta' awditu uniku.

**52** Il-politika ta' koeżjoni hija rregolata minn diversi settijiet ta' regoli. L-ewwel nett, regoli speċifiċi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għal kull wieħed mill-fondi tagħha. It-tieni, regoli trażversali oħra tal-UE — iżda mhux speċifiċi għall-politika ta' koeżjoni — bħal dawk li jkopru s-suq intern (l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat). It-tielet, ir-regoli nazzjonali (u xi kultant anke reġjonali) li jkopru aspetti importanti għal dawk li jfasslu l-politika u għar-regolaturi f'dak il-livell. Sabiex is-simplifikazzjoni tkun effettiva, trid tqis ir-regoli kollha (speċifiċi u mhux speċifiċi) applikabbli għall-politika ta' koeżjoni.

**53** Ir-regoli li jirregolaw ir-rimborż tal-kostijiet imġarrba mill-benefiċjarji (kif użati għall-maġġoranza tal-infiq fil-qasam tal-koeżjoni) jirrikjedu dokumentazzjoni estensiva u mekkaniżmi ta' kontroll. Il-benefiċjarji jeħtiġilhom iżommu u jippreżentaw firxa wiesgħa ta' dokumenti ta' sostenn (fatturi, rekords tal-ħin, kuntratti, eċċ.) għal verifika sussegwenti. Għalhekk, l-SCOs jirrappreżentaw simplifikazzjoni. Huma jistgħu jnaqqsu l-piż tad-dokumentazzjoni tan-nefqa effettivament imġarrba u sibna li huma inqas suxxettibbli għal żbalji involontarji[36]. Madankollu, minkejja ċertu progress, l-użu tagħhom mill-awtoritajiet maniġerjali għadu limitat, b'mod partikolari għall-FEŻR, (il-***Kaxxa 10***).

## Kaxxa 10

### Għażliet ta' kostijiet issimplifikati

L-SCOs huma metodi predefiniti għall-kalkolu tan-nefqa eliġibbli, minflok ma jintużaw il-kostijiet reali mġarrba. Dawn għandhom l-għan li jiksbu bosta benefiċċji, bħat-tnaqqis fil-kostijiet amministrattivi, it-titjib tal-possibbiltà tal-awditjar u l-implimentazzjoni aktar f'waqtha tal-proġetti.

L-SCOs ġew introdotti għall-ewwel darba għall-operazzjonijiet tal-FSE fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013, u l-użu tagħhom minn dak iż-żmien 'il hawn ġie estiż. Sa tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, il-Kummissjoni tistma li l-SCOs se jkunu koprew 33 % tal-infiq tal-FSE u 4 % tal-infiq tal-FEŻR/FK. B'mod ġenerali, stmajna li madwar EUR 22.5 biljun, jew 8.5 % tal-infiq fil-qasam tal-koeżjoni bbażat fuq l-għotjiet għall-perjodu 2014–2020 se jkunu ġew irrimborżati kważi kompletament permezz tal-SCOs[37].

Għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027, l-użu tal-SCOs sar obbligatorju għall-operazzjonijiet sa EUR 200 000 iffinanzjati mill-FEŻR u mill-FSE+[38]. Il-Kummissjoni introduċiet ukoll aktar skemi kummerċjalment disponibbli[39], li jkomplu jissimplifikaw l-applikazzjoni tagħhom u jnaqqsu l-potenzjal li jkun hemm żbalji. Il-Kummissjoni tistma li, fil-livell tal-benefiċjarji, l-SCOs ikopru madwar 44 % tal-FSE+ u 11.5 % tal-baġits tal-FEŻR rispettivament[40].

---

[36] Ir-Rapport Analitiku 03/2024, il-paragrafi 118 u 120.

[37] Ir-Rapport speċjali 24/2021, il-paragrafi 89 u 101; Use and intended use of simplified cost options in ESF, ERDF, CF and EAFRD, il-Kummissjoni Ewropea, 2018, p. 42 u 53.

[38] L-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

[39] L-Artikolu 94(4) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

[40] Study on the uptake of SCOs and FNLC for the CPR in the 2014–2020 and 2021–2027 programming periods, il-Kummissjoni Ewropea, 2024, p. 48–49 u 118.

## Assorbiment tal-fondi

**54** L-assorbiment huwa l-kapaċità tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali li jonfqu r-riżorsi finanzjarji li jkunu ġew allokati lilhom[41]. L-Istati Membri jirċievu pagamenti mill-baġit tal-UE bħala rimborż parzjali tal-kostijiet eliġibbli mġarrba mill-proġetti taħt il-programmi ta' koeżjoni tagħhom.

**55** Fatturi differenti jaffettwaw il-kapaċità ta' assorbiment kemm madwar l-Istati Membri kif ukoll fihom. Dawn jinkludu dewmien fl-adozzjoni ta' oqfsa regolatorji mill-koleġiżlaturi u fl-approvazzjoni ta' programmi operazzjonali, perjodi ta' programmazzjoni u programmi li jikkoinċidu, il-koeżistenza ma' strumenti oħra ta' ġestjoni diretta jew kondiviża, u l-kapaċitajiet amministrattivi tal-awtoritajiet maniġerjali[42]. Skont l-analiżi tal-Kummissjoni, il-kapaċità teknika tal-awtoritajiet maniġerjali — u tal-gvernijiet b'mod aktar ġenerali — hija fattur importanti li jaffettwa l-kapaċità tagħhom li jassorbu l-finanzjament ta' koeżjoni u l-effettività tal-investimenti ffinanzjati[43].

### L-adozzjoni tardiva tal-qafas regolatorju u tal-programmi poġġiet pressjoni fuq l-użu tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni

**56** Sabiex jinżamm fokus fuq l-użu effettiv u regolari tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, huwa kruċjali li l-awtoritajiet maniġerjali jevitaw sitwazzjonijiet fejn ammonti sinifikanti ta' fondi jkunu jeħtieġu li jiġu assorbiti lejn tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni. Aħna rrappurtajna li pressjoni ta' dan it-tip tista' twassal lill-awtoritajiet tal-programm biex jiffukaw fuq l-assorbiment biss, u jiddedikaw inqas attenzjoni għall-valur miżjud potenzjali tal-investimenti li jkunu qed jiġu appoġġati[44].

**57** L-approvazzjoni tal-qafas leġiżlattiv mill-koleġiżlaturi hija prerekwiżit biex titlesta t-tħejjija tal-programmi. Ladarba l-Kummissjoni tapprova l-programmi, l-implimentazzjoni tkun tista' tibda fl-Istati Membri. Aħna osservajna f'QFP suċċessivi li l-qafas leġiżlattiv tal-koeżjoni, il-ftehimiet ta' sħubiji u l-programmi ġew approvati dejjem aktar tard (il-***Figura 3***)[45]. Dan ikkontribwixxa għal livell baxx ta' assorbiment fl-ewwel snin, u żied il-pressjoni biex il-fondi jiġu assorbiti lejn tmiem il-perjodi ta' programmazzjoni sabiex

---

[41] Ir-Rapport Speċjali 17/2018, il-paragrafu I.

[42] *Ibid.*, il-paragrafi III, IV u 14–22.

[43] Ninth Cohesion Report, p. 274.

[44] Ir-Rapport Speċjali 17/2018, il-paragrafu I.

[45] *Ibid.*, il-paragrafi 16 u 19; COM(2025) 46.

ilaħħqu. Id-dewmien kien sinifikanti fil-perjodu 2021–2027, meta l-awtoritajiet maniġerjali kienu involuti wkoll fil-programmazzjoni ta' REACT-EU u fl-implimentazzjoni ta' miżuri oħra ta' emerġenza (is-CRII, is-CRII+, il-CARE, il-CARE+, l-RRF)[46].

## Figura 3 — Approvazzjoni tal-oqfsa leġiżlattivi u tal-programmi




*Sors:* il-QEA.

**58** Għall-perjodu 2014–2020, il-flessibbilta temporanja ġiet introdotta biex tippermetti lill-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni jindirizzaw il-prijoritajiet emerġenti, flimkien ma' rati ta' finanzjament tal-UE sa 100 %. Flimkien, dawn iż-żewġ miżuri kkontribew biex lill-Istati Membri jagħmluhielhom aktar faċli jassorbu l-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni, speċjalment reġjuni aktar żviluppati[47]. Madankollu, diġà identifikajna li l-kofinanzjament nazzjonali obbligatorju jew privat huwa prinċipju importanti għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni, billi jappoġġa s-sjieda u jinċentiva nfiq regolari, effiċjenti u effettiv[48]. Huwa jżid ukoll il-volum ġenerali ta' finanzjament disponibbli biex jappoġġa l-prijoritajiet ta' politika tal-UE.

---

[46] Ir-Rapport Analitiku 01/2023, il-paragrafu 46.

[47] Rapport Analitiku 03/2024, il-paragrafi XI, 138–145 u 162; Absorption rates of Cohesion Policy funds, EPRS, 2024.

[48] L-Opinjoni 02/2025, il-paragrafu 34; ir-Rapport Speċjali 02/2023, il-paragrafu 69; ir-Rapport Analitiku 01/2023, il-paragrafu 71.

## Il-koeżistenza tal-RRF u l-finanzjament ta' koeżjoni toħloq riskji addizzjonali ta' assorbiment

**59** Il-*Figura 4* turi r-rati ta' assorbiment fil-koeżjoni matul it-tliet perjodi ta' programmazzjoni.

### Figura 4 — Rati ta' assorbiment skont il-perjodu ta' programmazzjoni u s-sena




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

**60** Ir-rati ta' assorbiment fil-politika ta' koeżjoni huma kemxejn aktar baxxi fl-ewwel snin tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 minn dawk preċedenti. Dan huwa dovut għall-impatt tal-implimentazzjoni tal-RRF (li tiffinanzja tipi ta' investiment simili u għandha perjodu ta' implimentazzjoni iqsar, li jintemm f'Awwissu 2026) u l-kapaċità amministrattiva taħt pressjoni billi l-awtoritajiet nazzjonali spiss kellhom jimplimentaw iż-żewġ strumenti b'mod parallel[49]. Xi Stati Membri ħadu miżuri biex iżidu din il-kapaċità — pereżempju billi rreklutaw persunal addizzjonali, ipprovdew appoġġ operazzjonali, u ssimplifikaw il-proċeduri amministrattivi — iżda ma indirizzawx l-isfidi għalkollox[50]. F'xi każijiet, proġetti aktar maturi li qabel kienu ppjanati taħt il-fondi tal-politika ta' koeżjoni ġew ittrasferiti taħt l-RRPs[51].

**61** Ir-rata ogħla ta' prefinanzjament taħt l-RRF meta mqabbla mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni inizjalment iffaċilitat l-iżborż tal-fondi. L-Istati Membri setgħu jitolbu sa 13 % tal-allokazzjonijiet tal-RRF tagħhom bħala avvanz, filwaqt li l-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027 jipprovdu pagamenti parzjali annwali ta' 0.5 % tal-appoġġ totali. Dan il-prefinanzjament inizjali taħt l-RRF, bħala miżura ta' rispons għall-kriżijiet, għen lill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jaċċelleraw l-implimentazzjoni billi naqqas il-pressjoni fuq il-baġits nazzjonali sakemm saru l-ewwel żborżi regolari tagħhom[52].

**62** Ir-rati ta' assorbiment fl-RRF u l-politika ta' koeżjoni mhumiex direttament komparabbli. L-assorbiment tal-finanzjament taħt l-RRF jirrifletti l-fondi mħallsa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri malli jilħqu b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri — ma jirreferix għall-fatt li dawn il-fondi waslu għand ir-riċevituri finali tagħhom u laħqu l-ekonomija reali[53]. F'rapport preċedenti, ibbażat fuq id-*data* li rċevejna mingħand 15-il Stat Membru sa Ottubru 2023, sibna li madwar nofs biss tal-fondi mħallsa lill-Istati Membri kienu waslu għand ir-riċevituri finali[54].

---

[49] Ir-Rapport Analitiku 01/2023, il-paragrafi 11, 22, 30, 45–47 u 53.

[50] Ir-Rapport Speċjali 13/2024, il-paragrafi VIII, 69–70 u 97.

[51] Ir-Rapport Speċjali 22/2024, il-paragrafu 30 u l-Kaxxa 5; u SWD(2024) 70, p. 63.

[52] Ir-Rapport Analitiku 01/2023, il-paragrafi 67–68; ir-Rapport Analitiku 02/2025, il-paragrafu 77.

[53] Ir-Rapport Analitiku 02/2025, il-paragrafu 89.

[54] *Ibid.*, il-paragrafu 89.

## Żieda fl-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni

**63** Hemm kunsens wiesa’ dwar il-ħtieġa li jiġu mmassimizzati l-effettività tal-investimenti pubbliċi u l-effiċjenza fil-mod kif jiġu implimentati. Madankollu, it-tfassil ta’ approċċ u sistemi ta’ akkumpanjament biex jinkiseb dan jibqa’ sfida[55]. Fil-politika ta’ koeżjoni, iż-żieda fil-prestazzjoni tal-infiq ilha prijorità kondiviża mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni[56].

**64** Ir-Regolament Finanzjarju tal-UE[57] jipprevedi li l-finanzjament mill-UE jiġi implimentat b’fokus fuq il-prestazzjoni. B’mod aktar speċifiku, f’konformità mar-Regolament Finanzjarju u skont id-definizzjoni tagħna, il-prestazzjoni hija kejl ta’ kemm azzjoni, proġett jew programm iffinanzjat mill-UE jkun laħaq l-objettivi tiegħu u ta’ kemm jipprovdi valur għall-flus[58]. F’dan il-kuntest, għandha ssir distinzjoni bejn l-input, l-output, ir-riżultati u l-impatt (il-*Figura 5*).

### Figura 5 — Klassifikazzjoni ta’ input, output, riżultat, u impatt



| INPUT | OUTPUT | RIŻULTAT | IMPATT |
|---|---|---|---|
| Il-mezzi finanzjarji, umani, materjali, amministrattivi jew regolatorji użati għall-implimentazzjoni ta’ proġett jew ta’ programm. | Ir-riżultat prodott jew miksub minn proġett, bħal kors ta’ taħriġ jew il-kostruzzjoni ta’ triq. | L-effett immedjat ta’ proġett jew programm malli dan jitlesta, bħat-titjib fl-impjegabbiltà tal-parteċipanti f’kors jew it-titjib fl-aċċessibbiltà wara l-kostruzzjoni ta’ triq ġdida. | Il-konsegwenzi usa’ għal żmien twil ta’ proġett jew programm li jkun twettaq, bħall-benefiċċji soċjoekonomiċi għall-popolazzjoni kollha. |

*Sors:* il-QEA, iabbażi tar-Rapport Speċjali 26/2023, il-Figura 3.

[55] Rethinking Regional Development Policy-making, OECD, 2018, il-kapitolu 5, p. 106 u 114.

[56] Ir-Rapport Speċjali 24/2021, il-paragrafu I.

[57] L-Artikoli 2(50) u (62), u 33 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

[58] Ir-Rapport Analitiku 02/2025, il-paragrafu 10.

## Inċentivi insuffiċjenti biex jiżdied il-fokus fuq il-prestazzjoni fil-politika ta' koeżjoni

**65** Matul l-aħħar ftit perjodi ta' programmazzjoni, il-bażijiet legali għall-politika ta' koeżjoni gradwalment introduċew mekkaniżmi proċedurali u finanzjarji biex jinċentivaw orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni u fokus fuq ir-riżultati. Fil-perjodu 2014–2020, ir-regolament introduċa tliet mekkaniżmi bħal dawn[59]:

— "kundizzjonalitajiet *ex ante*", li huma prerekwiżiti biex jinħoloq ambjent li jiffavorixxi l-investiment għal infiq effettiv fil-qasam tal-koeżjoni mill-bidu tal-programmi;

— riżerva obbligatorja ta' prestazzjoni ta' 6 % tal-allokazzjoni totali ta' kull Stat Membru, li għandha tiġi rilaxxata għall-assi prijoritarji mal-ilħuq ta' stadji importanti predefiniti (li twaqqfet għall-perjodu 2021–2027); u

— il-mudell ta' "finanzjament mhux marbut mal-kostijiet" (FNLC).

**66** Aħna kkonkludejna li, b'mod ġenerali, dawn it-tliet mekkaniżmi wasslu għal approċċi ġodda għall-implimentazzjoni iżda ma għamlux differenza notevoli fil-mod kif ġie allokat u żborżat il-finanzjament mill-UE[60].

**Sa ċertu punt, il-politika ta' koeżjoni diġà tinċentiva r-riformi flimkien mal-investimenti**

**67** Is-Semestru Ewropew huwa eżerċizzju annwali li jikkoordina l-politiki ekonomiċi u soċjali tal-UE. Abbażi tal-pjanijiet ta' politika tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) dwar kif għandhom jiġu indirizzati sfidi ġodda u eżistenti. Is-CSRs jiġu adottati mill-Kunsill.

---

[59] L-Artikoli 19, 20, 21 u 67(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013; ir-Rapport Speċjali 24/2021, il-paragrafi II, 6 u 109–112.

[60] Ir-Rapport Speċjali 24/2021, il-paragrafi IX u 107–109.

**68** Mill-2014, il-politika ta’ koeżjoni kienet meħtieġa tqis il-gwida pprovduta fil-proċess tas-Semestru Ewropew. Għal dan il-għan:

— ir-RDK jistabbilixxi kundizzjonalitajiet *ex ante*[61] (2014–2020) u kundizzjonijiet abilitanti[62] (2021–2027); u

— il-Kummissjoni pprovdiet gwida għall-investiment lil kull Stat Membru billi identifikat il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet ta’ żvilupp għall-finanzjament fl-2012 dokumenti ta’ pożizzjoni għall-perjodu 2014–2020[63] u fir-rapporti tal-pajjiżi tal-2019 għall-perjodu 2021–2027[64].

Min-naħa tagħhom, l-Istati Membri kellhom iqisu s-CSRs rilevanti fit-tħejjija tal-ftehimiet ta’ sħubija u tal-programmi kemm għall-fondi tal-politika ta’ koeżjoni 2014–2020[65] kif ukoll 2021–2027[66]. B’mod speċifiku, il-FSE+ jirrikjedi li l-Istati Membri jallokaw ammont xieraq tar-riżorsi tagħhom biex jindirizzaw l-isfidi identifikati fis-CSRs rilevanti[67].

**69** Il-kundizzjonalitajiet *ex ante* kienu waħda mill-innovazzjonijiet prinċipali għall-politika ta’ koeżjoni 2014–2020. Aħna rrappurtajna li l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-kundizzjonalitajiet kienet eżerċizzju ta’ darba, ibbażat fuq il-kriterji stabbiliti fir-RDK. Il-biċċa l-kbira tagħhom huma wesgħin, u dan ħalla lok konsiderevoli għall-interpretazzjoni. Aħna sibna wkoll evidenza limitata tal-impatt tal-kundizzjonalitajiet *ex ante* fuq l-effettività tal-infiq, u osservajna li n-nuqqas li jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonalitajiet rarament kellu konsegwenzi finanzjarji negattivi għall-Istati Membri[68].

[61] L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 1303/2013.

[62] L-Artikolu 12(1) u (15) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

[63] L-Anness I, il-punt 2.3 tar-Regolament (UE) 1303/2013; ir-Rapport Speċjali 02/2017, il-paragrafu 9.

[64] Ir-Rapport Analitiku 01/2023, il-paragrafu 15.

[65] L-Artikoli 4(1), 15(1) u 19 tar-Regolament (UE) 1303/2013.

[66] L-Artikoli 11(1), 15(2) u 22(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

[67] L-Artikoli 7(1) u (2), u 12 tar-Regolament (UE) 2021/1057.

[68] Ir-Rapport Speċjali 24/2021, il-paragrafi 16, 21–22, 26–34, 110, 114 u 116.

**70** Fit-teorija, porzjon kbir tal-fondi tal-politika ta’ koeżjoni 2014–2020 ġie allokat biex jindirizza CSRs speċifiċi għall-fondi. Madankollu, ir-rabta effettiva bejn l-infiq tal-UE u l-implimentazzjoni tas-CSRs ma kinitx biżżejjed[69]. L-istudji jikkonfermaw ukoll li, għalkemm is-CSRs ġew segwiti fl-għażliet strateġiċi stabbiliti fil-programmi, fil-prattika n-nuqqas ta’ inċentivi jew sanzjonijiet ċari llimita l-influwenza tagħhom fuq l-implimentazzjoni tal-politika ta’ koeżjoni fil-prattika[70].

**71** Fil-perjodu ta’ programmazzjoni 2021–2027, il-kundizzjonijiet abilitanti ssostitwew il-kundizzjonalitajiet *ex ante*. Dawn huma kundizzjonijiet prerekwiżiti għall-użu effiċjenti u effettiv tal-fondi tal-politika ta’ koeżjoni. B’differenza mill-kundizzjonalitajiet *ex ante* tal-2014–2020, dawn iridu jiġu ssodisfati matul il-perjodu kollu — aktar milli fil-bidu biss — biex l-Istati Membri u r-reġjuni jkunu jistgħu jirċievu fondi. Dan ifisser li l-Kummissjoni ma tirrimborżax in-nefqa sakemm ma taqbilx li l-kundizzjoni abilitanti rilevanti tkun ġiet issodisfata[71].

**72** Il-kundizzjonijiet abilitanti huma definiti fir-RDK. L-issodisfar tagħhom jagħmel il-finanzjament allokat għal objettiv speċifiku disponibbli għall-Istati Membri jew ir-reġjuni. Madankollu, dan waħdu ma jwassalx għal pagamenti mill-Kummissjoni. L-Istati Membri xorta jkollhom jimplimentaw operazzjonijiet biex jikkwalifikaw għar-rimborżi.

**73** Madankollu, il-politika ta’ koeżjoni tikkontribwixxi għal riformi f’ċerti oqsma fl-Istati Membri. Pereżempju, skont il-Kummissjoni, fl-oqsma koperti mill-FSE(+), l-Istati Membri nedew 293 riforma bejn l-2014 u l-2022, bl-akbar sehem implimentat fil-politika tal-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol. Minn dawn ir-riformi, 142 (48.6 %) ibbenefikaw mill-inqas sa ċertu punt mill-finanzjament tal-FSE(+). B’mod ġenerali, il-Kummissjoni vvalutat li madwar 9 % tas-CSRs fl-oqsma ta’ intervent tal-FSE(+) kisbu “progress sostanzjali” jew “implimentazzjoni sħiħa”[72].

[69] Ir-Rapport Speċjali 16/2020, il-paragrafi 41–44 u 62.

[70] Corti, F., Pedralli, M. u Pancotti, C., “The Recovery and Resilience Facility: Key Innovations and the Interplay With Cohesion Policy” f’ZEW: “The Future of EU Cohesion”, p. 237.

[71] L-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

[72] Study support the Impact assessment of the future European Social Fund proposal, il-Kummissjoni Ewropea, 2025, p. 10, 19 u 35–36.

**74** Reċentement, il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi mmodifikat ir-Regolament dwar il-FEŻR/FK fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tkompli testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ għar-riformi. Din tintroduċi l-possibbiltà li jiġu ffinanzjati attivitajiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-riformi, inkluż li jiġu koperti kostijiet li mhumiex direttament marbuta mal-implimentazzjoni tal-investimenti. Dan jirrappreżenta novità għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Madankollu, innutajna wkoll li l-proposta ma għandhiex definizzjoni ċara għar-riformi li jistgħu jiġu appoġġati taħt il-FEŻR/FK, u lanqas ma tispeċifika t-tipi ta' azzjonijiet jew nefqa li se jitqiesu eliġibbli. B'riżultat ta' dan, l-ambitu tal-appoġġ li jkun jikkwalifika bħala riformi għadu mhux ċar[73].

### Użu limitat tal-mudell ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet fil-politika ta' koeżjoni

**75** Il-potenzjal tal-użu ta' mudelli ta' finanzjament ibbażati fuq il-prestazzjoni fil-politika ta' koeżjoni żdied gradwalment. Dawn jipprovdu rabta diretta bejn l-appoġġ finanzjarju tal-UE u r-riżultati jew il-kundizzjonijiet predefiniti. L-aktar eżempju notevoli huwa l-mudell tal-FNLC (il-***Kaxxa 11***).

#### Kaxxa 11

#### Finanzjament mill-UE bl-użu tal-mudell FNLC

Biex jgħin fl-ilħuq tal-objettivi tal-politika tal-UE u r-riżultati speċifikati, fl-2018 ir-Regolament Finanzjarju[74] introduċa l-għażla li jiġi pprovdut finanzjament mill-UE fil-forma ta' FNLC. Dan huwa bbażat fuq:

— l-issodisfar tal-kundizzjonijiet; jew

— il-ksib tar-riżultati mkejjel permezz ta' stadji ewlenin stabbiliti preċedentement jew permezz ta' indikaturi tal-prestazzjoni.

Fil-politika ta' koeżjoni 2014–2020, il-mudell tal-FNLC seta' jintuża mill-2019 'il quddiem għall-investimenti tal-FEŻR/FK fl-oqsma tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija minn sorsi rinnovabbli, billi tiġi infurmata l-Kummissjoni.

[73] L-Opinjoni 02/2025, il-paragrafu 22; l-Artikolu 1(1)(e) ta' COM(2025) 123.

[74] L-Artikolu 125(1)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

**76** Fl-2014–2020, il-mudell tal-FNLC intuża biss għal proġett pilota wieħed tal-FEŻR b'kontribuzzjoni tal-UE ta' madwar EUR 36 miljun. Aħna enfasizzajna r-raġunijiet li ġejjin għall-użu limitat tal-mudell tal-FNLC matul dan il-perjodu[75]:

— hemm dewmien konsiderevoli qabel ma l-investiment tal-UE jagħti r-riżultati, u xi drabi anke l-outputs. Dan jagħmilha diffiċli għall-awtoritajiet maniġerjali biex jidentifikaw operazzjonijiet xierqa għall-mudell tal-FNLC;

— l-Istati Membri qiesu l-istabbiliment tal-iskemi tal-FNLC bħala ta' piż, ikkumplikat u li jieħu ħafna ħin;

— aħna sibna li l-arranġamenti għall-verifika tal-konformità mar-regoli tas-suq intern meta jiġi applikat il-mudell tal-FNLC ma kinux ċari biżżejjed. L-Istati Membri xorta kellhom jaraw li l-infiq kollu tal-UE żgur kien konformi mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, filwaqt li l-bażi legali kienet tippermetti biss li jiġu vverifikati l-kundizzjonijiet ta' finanzjament[76].

**77** Fl-2021–2027, il-mudell tal-FNLC huwa għażla għall-għoti ta' finanzjament mill-UE fi kwalunkwe qasam tal-politika ta' koeżjoni[77]. Sa Marzu 2025, il-Kummissjoni kienet approvat 23 skema taħt 15-il programm tal-FEŻR u/jew tal-FSE+ fi 11-il Stat Membru[78], li jammontaw għal EUR 6.8 biljun.

---

[75] Ir-Rapport Speċjali 24/2021, il-paragrafi 94–96, 99, 105–106, 108, 126, 128, ir-rakkomandazzjonijiet 3(a) u 4(b).

[76] L-Artikolu 67(1)(e) tar-Regolament (UE) 1303/2013; l-Anness — punt 4(f) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/694.

[77] L-Artikoli 37, 53(1)(f) u (95)(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

[78] L-Estonja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija.

**78** Ir-RDK jirrikjedi verifiki u awditi biex jiġi vverifikat li l-kundizzjonijiet għar-rimborż ikunu ġew issodisfati u li jkunu nkisbu r-riżultati. Il-premessi jindikaw li l-kostijiet sottostanti marbuta mal-implimentazzjoni tal-iskema jenħtieġ li ma jkunu suġġetti għall-ebda kontroll, għalkemm l-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar xorta jeħtiġilhom jipprovdu aċċertament lill-Kummissjoni li n-nefqa inkluża fil-kontijiet tikkonforma mar-regoli applikabbli kollha, inklużi dawk dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat[79]. Il-Kummissjoni tqis li tikseb aċċertament raġonevoli dwar il-konformità mar-regoli kollha applikabbli permezz ta' (i) il-valutazzjoni *ex ante* tagħha tal-iskemi tal-FNLC; (ii) l-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti mill-Istati Membri, inkluż dawk dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat; u (iii) il-valutazzjonijiet mill-Istati Membri tal-ilmenti li jirrigwardaw l-akkwist u l-għajnuna mill-Istat.

**79** Prattikanti oħra b'esperjenza fl-użu ta' mudelli bbażati fuq il-prestazzjoni enfasizzaw ukoll l-isfidi fit-tħaddim ta' mudelli ta' dan it-tip, u l-ħtieġa li jiġu stabbiliti aspettattivi realistiċi. Il-Bank Dinji[80] nnota xejra ġenerali ta' diżappunt f'dawk li jużaw mudelli ta' dan it-tip, minkejja twemmin qawwi fil-loġika sottostanti. Din twassal għal "*distakk bejn dak li jiġi mwiegħed u l-prattika*". Oħrajn[81] indikaw li mudelli ta' dan it-tip jenħtieġ li jevitaw inċentivi distorsivi, bħall-iffissar ta' miri mhux ambizzjużi, il-prijoritizzazzjoni ta' għanijiet li jkunu għal żmien qasir minflok dawk li jkunu għal żmien twil, u l-indirizzar ta' dawk il-ħtiġijiet li huma l-aktar faċli biex jiġu indirizzati. Barra minn hekk, l-OECD[82] tenfasizza li implimentazzjoni effettiva tirrikjedi għodod u metodi għall-iżvilupp ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni, sistemi tal-IT ta' appoġġ, mekkaniżmi sodi ta' responsabbiltà u rwoli u responsabbiltajiet definiti b'mod ċar.

---

[79] L-Artikoli 69, 74 u 77 tar-Regolament (UE) Nru 2021/1060.

[80] Moynihan, D. u Beazley, I., Toward Next-Generation Performance Budgeting: Lessons from the Experiences of Seven Reforming Countries, il-Bank Dinji, 2016.

[81] Corti, F., Pedralli, M. u Pancotti, C., "The Recovery and Resilience Facility: Key Innovations and the Interplay With Cohesion Policy" f'ZEW: "The Future of EU Cohesion", 2024, p. 246.

[82] Good Practices for Performance Budgeting, OECD, 2019, p. 18; Performance budgeting, OECD, 20.3.2025.

## Dgħufijiet fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni jfissru li ma hemmx biżżejjed informazzjoni dwar ir-riżultati

**80** Is-sistemi ta' monitoraġġ li jsegwu l-progress fl-ilħuq tal-objettivi bbażati fuq *data* rilevanti u affidabbli dwar il-prestazzjoni jistgħu jipprovdu informazzjoni utli dwar ir-riżultati, kif ukoll jgħinu biex itejbu l-iskemi futuri. Evalwazzjonijiet *ex post* ta' kwalità għolja jgħinu fil-valutazzjoni tal-ilħuq tal-objettivi ta' politika.

### Is-sistemi ta' monitoraġġ ma jipprovdux biżżejjed informazzjoni dwar il-prestazzjoni fil-livell tal-UE

**81** Il-politika ta' koeżjoni għandha sistema estensiva ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni li tikkonsisti f'indikaturi komuni u speċifiċi għall-programm li jkejlu prinċipalment l-outputs. Fl-2014–2020, il-programmi operazzjonali ġew immonitorjati permezz ta' madwar 9 000 indikatur differenti. Dawn kienu fil-biċċa l-kbira speċifiċi għall-programmi u ma setgħux jiġu aggregati fil-livell tal-UE. L-Istati Membri ddefinew 7 880 indikatur speċifiku għall-programm fil-programmi ta' koeżjoni tagħhom għall-perjodu 2021–2027.

**82** Il-monitoraġġ ibbażat fuq indikaturi komuni jagħmilha possibbli li jitkejjel il-kontribut tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-objettivi tal-UE u li jitqabblu l-valuri tal-indikaturi fil-livell tal-programm. Madankollu, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni jużaw għadd limitat ta' indikaturi komuni biex ikejlu l-prestazzjoni ġenerali fil-livell tal-UE. Madankollu, dawn żdiedu minn 87 għall-perjodu 2014–2020 għal 234 għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027.

**83** Ma hemm l-ebda rekwiżit legali espliċitu tal-UE biex jiġu ddefiniti indikaturi tal-prestazzjoni għal operazzjonijiet magħżula. Fil-livell tal-proġett, il-ksib tar-riżultati għandu influwenza fuq il-livell tal-finanzjament mill-UE fi ftit każijiet biss. Pereżempju, fir-Rapport Annwali tagħna tal-2023[83] identifikajna żewġ każijiet mingħajr segwitu għall-impenn li jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni inklużi fil-ftehimiet ta' għotja. Permezz tal-awditi tagħna identifikajna li l-proċessi tal-għażla tal-proġetti mhumiex imfassla biex jiffukaw fuq il-kontribut potenzjali tal-proġetti proposti għall-objettivi tal-programm. Għalhekk, il-monitoraġġ ma jistax iqis biżżejjed il-kontribut tal-proġetti għar-riżultati u l-objettivi tal-programm, iżda minflok jiffoka fuq l-outputs u l-infiq. B'mod ġenerali, prestazzjoni insuffiċjenti ma twassalx għal sanzjonijiet finanzjarji[84].

---

[83] Ir-Rapport Annwali 2023, il-paragrafi 6.39–6.41 u r-Rakkomandazzjoni 6.3.

[84] Ir-Rapport Analitiku 08/2019 (Dokument Informattiv u Analitiku), il-paragrafi 56, 65–66, 69, 101 u 103; ir-Rapport Speċjali 21/2018, il-paragrafu 75 u r-Rakkomandazzjoni 1.

**84** Bħala parti mill-għażla tal-operazzjonijiet fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, ir-RDK jirrikjedi li l-awtoritajiet maniġerjali jagħtu prijorità lill-operazzjonijiet bl-għan li jimmassimizzaw il-kontribut tagħhom għall-objettivi tal-programm[85]. Għadu mhux ċar jekk, fil-prattika, din id-dispożizzjoni tikkontribwixxix għall-għażla tal-proġetti bl-aħjar prestazzjoni.

**85** Ir-rapporti tagħna spiss jenfasizzaw dgħufijiet fis-sistemi ta' monitoraġġ, li jagħmluha diffiċli biex jitkejjel il-progress u l-kontribut tal-finanzjament ta' koeżjoni għall-objettivi tal-programmi. Id-dgħufijiet ivarjaw minn nuqqas ta' indikaturi (speċjalment dawk li jkejlu r-riżultati) li jirrappurtaw dwar il-kontribut għal oqsma speċifiċi appoġġati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, għal nuqqas ta' miri, jew użu inkonsistenti tal-indikaturi eżistenti (il-***Kaxxa 12***).

### Kaxxa 12

### Eżempji ta' monitoraġġ insuffiċjenti

L-indikaturi għall-monitoraġġ tal-ekonomija ċirkolari jkopru biss il-ġbir u l-ipproċessar tal-iskart, mingħajr ebda informazzjoni speċifika dwar id-disinn ċirkolari tal-prodotti. La l-Kummissjoni u lanqas l-awtoritajiet fl-Istati Membri magħżula ma kellhom informazzjoni dwar il-kontribut li sar għall-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari minn aktar minn 1 000 proġett iffinanzjati mill-FEŻR b'rabta mal-ekonomija ċirkolari[86].

Ir-Regolament tal-FSE ma pprevediex indikatur komuni tar-riżultati li jikkonċerna l-persuni qiegħda għal żmien twil, minkejja li dan il-qasam kien prijorità għall-infiq tal-FSE. L-Istati Membri rrappurtaw informazzjoni dwar ir-riżultati miksuba permezz ta' indikaturi speċifiċi għall-programm, fejn preżenti. Tnejn mill-erba' PO awditjati ma kellhom l-ebda indikatur tar-riżultati speċifiku għall-programm biex iqis ir-riżultati rigward il-parteċipanti (172 445 u 27 395, rispettivament)[87].

---

[85] L-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

[86] Ir-Rapport Speċjali 17/2023, il-paragrafi II, 61–63.

[87] Ir-Rapport Speċjali 25/2021, il-paragrafi 63–71 u 78.

**86** Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka nnota wkoll li huma meħtieġa indikaturi u miri xierqa, appoġġati minn *data* akkurata, sabiex il-prestazzjoni tiġi vvalutata b'mod affidabbli. Huwa enfasizza li l-programmi tal-FEŻR iltaqgħu ma' sfidi sinifikanti fl-iffissar ta' miri realistiċi, bil-maġġoranza l-kbira jsirulhom reviżjonijiet frekwenti u sinifikanti. Huwa enfasizza wkoll il-ħtieġa li l-indikaturi jiġu ddefiniti b'mod aktar rigoruż u li l-modifiki jiġu ristretti għal ċirkustanzi speċifikati b'mod ċar[88].

**Ir-riżultati tal-evalwazzjoni mhumiex disponibbli fil-ħin biex jinfluwenzaw il-proposti leġiżlattivi**

**87** L-evalwazzjonijiet fil-politika ta' koeżjoni għandhom l-għan li jivvalutaw l-impatt tal-fondi fuq il-ħames objettivi ta' politika, u li jeżaminaw l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE ta' kull fond[89], skont il-prinċipju "l-ewwel evalwa" tal-Kummissjoni[90].

**88** Il-Kummissjoni kellha tippubblika ż-żewġ evalwazzjonijiet li ġejjin tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni — li huma importanti biex jiġi influwenzat il-qafas legali ta' wara l-2027 — sa tmiem l-2024:

— l-evalwazzjoni *ex post* tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 li teżamina l-effettività u l-effiċjenza tal-fondi u l-kontribut tagħhom għall-istrateġija tal-UE għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv[91]; u

— l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 li tkopri l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tal-fondi[92].

L-ebda waħda minn dawn l-evalwazzjonijiet ma ġiet ippubblikata sad-data ta' skadenza legalment meħtieġa.

---

[88] Molica, F., Marques Santos, A. u Conte, A., Can a more performance-based setting bring additional efficiency to EU cohesion policy?, Dokumenti ta' Ħidma taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka dwar l-Immudellar u l-Analiżi Territorjali Nru 12/2023.

[89] L-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

[90] SWD(2021) 305, il-Kapitolu III, p. 24.

[91] L-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) 1303/2013.

[92] L-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

**89** Barra minn hekk, il-kwalità tal-evalwazzjoni tiddependi mill-affidabbiltà tad-*data* u d-disponibbiltà tad-*data*. Preċedentement osservajna li l-utilità tal-evalwazzjonijiet tiġi mminata meta ma jkunux ibbażati fuq evidenza sottostanti affidabbli suffiċjenti jew *data* ta' monitoraġġ ta' kwalità tajba[93]. B'mod ġenerali, is-sistema ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni hija mfassla tajjeb, f'konformità mal-linji gwida tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar. Madankollu, in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' *data*, parzjalment minħabba t-tul ta' xi investimenti iżda wkoll minħabba dgħufijiet fis-sistemi ta' monitoraġġ, huwa problema ewlenija li xxekkel il-valutazzjonijiet effettivi bbażati fuq l-evidenza[94].

## Sfidi fil-promozzjoni tal-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni permezz tal-mudell tal-RRF

**90** Il-pagamenti tal-RRF lill-Istati Membri huma kundizzjonali fuq l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri miftiehma qabel, li jkejlu l-progress lejn it-tlestija tar-riformi u l-investimenti. Ikkonkludejna li, fih innifsu, dan ma jagħmilx l-RRF strument ibbażat fuq il-prestazzjoni[95]. Fil-fatt, il-fokus huwa fuq il-progress fl-implimentazzjoni, billi l-istadji importanti u l-miri, kif ukoll l-indikaturi komuni, huma prinċipalment orjentati lejn l-outputs[96]. Aħna nnutajna wkoll li r-riżultati f'termini tal-indirizzar tal-isfidi strutturali permezz ta' riformi u investimenti u l-kontribut għall-objettivi tal-UE sa issa huma limitati[97].

**91** L-irbit tal-pagamenti mal-istadji importanti u l-miri, aktar milli mal-kostijiet imġarrba, kien jirrikjedi proċeduri ġodda jew adattati. Madankollu, għad hemm riskji fir-rigward tal-affidabbiltà tad-*data*, speċjalment fil-livell tar-riċevitur finali[98].

---

93 Ir-Rapport Analitiku 08/2019 (Dokument Informattiv u Analitiku), il-paragrafi 107 u 112−113.

94 Ir-Rapport Speċjali 16/2018, il-paragrafi 52–55, 83 u 91.

95 Ir-Rapport Analitiku 02/2025, il-paragrafi 10–14.

96 Ir-Rapport Speċjali 26/2023, il-paragrafi 27, 35–36 u 48.

97 Ir-Rapport Analitiku 02/2025, il-paragrafi 91–102.

98 Ir-Rapport Speċjali 26/2023, il-paragrafi VI, 57–63 u 98–99.

**92** Filwaqt li l-RRF timmarka l-ewwel darba li l-mudell tal-FNLC ġie implimentat fuq skala kbira, innutajna għadd ta' nuqqasijiet fil-mod kif ġie applikat. Dan jinkludi nuqqas ta' fokus fuq il-prestazzjoni reali, kif ukoll problemi relatati mal-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza fl-użu tal-finanzjament. Konsegwentement, minkejja l-potenzjal ta' finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni, l-esperjenza tal-RRF tenfasizza l-ħtieġa ta' titjib fil-mod kif kwalunkwe strument futur juża l-mudell tal-FNLC.

## Regolarità tal-infiq fil-qasam tal-koeżjoni

**93** Bħala l-awditur estern tal-finanzi tal-UE, aħna meħtieġa mit-TFUE li nirrappurtaw kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Ir-rapport annwali tagħna jippreżenta d-dikjarazzjoni ta' aċċertament tagħna dwar jekk il-kontijiet tal-UE humiex affidabbli u jekk il-baġit tal-UE ntużax skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Għal snin sħaħ, il-ħidma tagħna rigward id-dikjarazzjoni ta' aċċertament wriet li l-koeżjoni hija l-qasam baġitarju tal-UE bl-ogħla rata ta' żball[99]. L-infiq jinvolvi l-aktar ir-rimborżi tal-kostijiet iddikjarati. Il-benefiċjarji huma meħtieġa jissottomettu l-pretensjonijiet għall-kostijiet li jkunu ġarrbu, flimkien ma' evidenza ta' sostenn. Il-kostijiet involuti u l-azzjonijiet korrispondenti jridu jikkonformaw ma' regoli tal-UE u regoli nazzjonali li spiss ikunu kumplessi (bħall-eliġibbiltà, l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat).

**94** F'ġestjoni kondiviża, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali (l-Istati Membri) jgħaddu lill-Kummissjoni l-listi tal-pagamenti li jkunu għamlu li huma jqisu eliġibbli għall-finanzjament mill-UE. Huma jipprovdu wkoll aċċertament dwar ir-regolarità ta' dawn il-pagamenti abbażi tal-ħidma tas-sistemi ta' kontroll li joperaw. Il-Kummissjoni mbagħad tirrimborża lill-Istati Membri għal dan l-infiq.

**95** Il-kontroll intern mill-Kummissjoni tal-infiq tal-politika ta' koeżjoni huwa suġġett għal approċċ ta' "awditu uniku". Dan jikkonsisti f'qafas ta' aċċertament, li fih kull saff ta' kontroll (fl-Istati Membri u mill-Kummissjoni) jibni fuq kontrolli mwettqa fil-livelli ta' hawn taħt, dment li din il-ħidma tkun affidabbli. L-għan huwa li jiġi ġestit ir-riskju ta' irregolarità, filwaqt li l-kost tal-verifika tal-infiq tal-UE jinżamm f'livell aċċettabbli u jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fuq l-entitajiet awditjati. Il-***Figura 6*** tiġbor fil-qosor il-proċessi ewlenin ta' aċċertament u kontroll għall-koeżjoni.

---

[99] Ir-Rapport Annwali 2023, il-paragrafu 1.14; ir-Rapport Annwali 2022, il-paragrafu 1.14; ir-Rapport Annwali 2021, il-paragrafu 1.18; ir-Rapport Annwali 2020, il-paragrafu 1.17; ir-Rapport Annwali 2019, il-paragrafu 1.18; ir-Rapport Annwali 2018, il-paragrafu 1.29.

## Figura 6 — Approċċ ta' kontroll intern għall-infiq fil-qasam tal-koeżjoni




*Sors:* il-QEA, abbażi tar-Regolament (UE) 1303/2013.

### Il-qafas ta' aċċertament għadu mhux kompletament effettiv

**96** Il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha aċċertament li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jiffunzjonaw b'mod effettiv. Madankollu, l-effettività tal-qafas ta' aċċertament tiddependi mill-kapaċitajiet tal-awtoritajiet u l-korpi involuti fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri. Fl-eżerċizzju tar-responsabbiltà ġenerali tagħha għal-legalità u r-regolarità tal-infiq tal-UE, il-Kummissjoni tiddependi għalhekk, fil-biċċa l-kbira, mill-funzjonament effettiv tal-awtoritajiet tal-Istati Membri[100]. Permezz tar-rwol superviżorju tagħha, il-Kummissjoni jeħtieġ li tara li l-fondi tal-UE jintużaw f'konformità mar-regoli applikabbli[101].

[100] Ir-Rapport Analitiku 03/2024, il-paragrafu 9.

[101] L-Artikolu 63(8) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

**97** Aħna kkonkludejna li l-livelli ta’ żball li sibna u rrappurtajna għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2007–2013 kienu ferm aktar baxxi milli fil-perjodu preċedenti[102]. L-analiżi pluriennali reċenti tagħna[103] turi li l-livelli ta’ żball għall-perjodu 2014–2020 kienu aktar baxxi milli għall-perjodu 2007–2013, iżda baqgħu ogħla mis-soll ta’ 2 % stabbilit mir-regoli[104]. Dan jindika li l-qafas ta’ aċċertament għadu mhuwiex kompletament effettiv. Għal dawn l-aħħar sentejn, ir-rata ta’ żball li aħna nistmaw kienet ferm ogħla mis-soll ta’ 2 %. Fir-rapporti annwali tagħna[105] nnutajna li diversi fatturi poġġew pressjoni addizzjonali fuq l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u żiedu r-riskju fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jaraw li l-infiq ikun regolari. Dawn il-fatturi kienu jinkludu d-disponibbiltà tar-riżorsi addizzjonali sinifikanti ta’ REACT-EU u t-tmiem tal-perjodu ta’ eliġibbiltà 2014–2020. Il-***Figura 7*** turi l-istimi tal-iżball tal-QEA għall-infiq fil-qasam tal-koeżjoni mill-2010 ’l hawn.

### Figura 7 — Stimi ta’ żbalji tal-QEA għall-infiq fil-qasam tal-koeżjoni għall-perjodu 2010–2023




*Sors:* il-QEA.

[102] Ir-Rapport Speċjali 17/2018, il-paragrafi 80–81.

[103] Ir-Rapport Analitiku 03/2024, il-paragrafi 30–33.

[104] L-Artikolu 28(11) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (KE) 480/2014.

[105] Ir-Rapport Annwali 2023, il-paragrafu 6.17, ir-Rapport Annwali 2022 il-paragrafu 6.17.

**98** Il-verifiki mill-awtoritajiet maniġerjali tal-applikazzjonijiet għall-finanzjament mill-UE għandhom rwol ewlieni fit-tentattiv li jaraw li l-infiq fil-qasam tal-koeżjoni żgur ikun regolari. Is-sejbiet tal-awditjar tagħna (il-*Kaxxa 13*) — flimkien mar-riżultati tal-verifiki mwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar u mill-Kummissjoni — urew li, kumplessivament, l-awtoritajiet maniġerjali għadhom mhumiex effettivi biżżejjed biex jimmitigaw ir-riskju inerenti għoli ta' żball fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni. Sehem kbir mill-iżbalji li nsibu setgħu u kellhom jiġu identifikati u kkoreġuti minnhom. Għaldaqstant, aħna enfasizzajna dawn id-dgħufijiet fil-verifiki tal-ewwel livell, u ħtieġa biex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jagħtu aktar attenzjoni lejn l-effettività tal-verifikazzjonijiet mwettqa mill-awtorità maniġerjali[106].

### Kaxxa 13

### Żbalji tipiċi identifikati mill-QEA

L-analiżi pluriennali tagħna (ir-Rapport Analitiku 03/2024) turi li aħna nidentifikaw żbalji fil-pagamenti fuq bażi kontinwa. Dawn jibqgħu mhux identifikati fil-livell tal-Istati Membri, minkejja l-kontrolli amministrattivi u ta' kontroll fuqhom. Aħna analizzajna r-riżultati tal-awditjar tagħna għall-perjodu 2018–2022 f'termini tat-tip u tal-kawża tal-iżbalji. Żbalji tipiċi jinkludu l-infiq u l-proġetti ineliġibbli, u nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-akkwist pubbliku. Dawn l-iżbalji kienu jirrappreżentaw l-akbar sehem tal-livell ta' żball stmat minna[107].

**99** Matul is-snin, sibna wkoll diversi tipi ta' dgħufijiet b'severità varjata fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar. Pereżempju, il-kontrolli tagħhom ma jkoprux biżżejjed aspetti importanti bħall-frodi, il-kunflitt ta' interess u l-għajnuna mill-Istat. Hemm dgħufijiet fil-kontrolli fuq l-għażla tal-proġetti u l-kriterji tal-eliġibbiltà. Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji li sibna setgħu ġew identifikati mill-kontrolli tal-awtoritajiet tal-awditjar fuq l-istess tranżazzjonijiet. Dan inaqqas il-punt sa fejn il-Kummissjoni tista' sserraħ fuq ir-riżultati ta' xogħolhom[108]. Aħna rrakkomandajna li l-awtoritajiet tal-awditjar itejbu l-mod kif jippjanaw, iwettqu u jiddokumentaw ix-xogħol tal-awditjar tagħhom.

[106] Ir-Rapport Analitiku 03/2024, il-paragrafi 48–49 u 152.

[107] *Ibid.*, il-paragrafi 71 u 83.

[108] *Ibid.*, il-paragrafi 56 u 59.

**100** Il-Kummissjoni tirrieżamina r-riżultati tal-awditjar irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar permezz ta' analiżijiet mhux fuq il-post, u twettaq ukoll awditi tal-konformità bbażati fuq ir-riskju. Aħna kkonkludejna li l-awditi tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni huma l-aktar element effettiv fl-identifikazzjoni ta' irregolaritajiet li ma jkunux instabu mill-kontrolli preċedenti. Madankollu, il-Kummissjoni tista' tikseb impatt akbar billi żżid l-għadd ta' dawn l-awditi (bħalissa madwar 40 fis-sena) biex tkopri aħjar l-għadd kbir ta' awtoritajiet involuti[109].

**101** Ikkonkludejna li hemm bżonn ta' aktar titjib fil-mod kif il-qafas ta' aċċertament jiġi implimentat kemm mill-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri jenħtieġ li joqogħdu aktar attenti biex jaraw li l-kontrolli tal-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar ikunu effettivi. L-isfidi għall-Kummissjoni jinkludu dik li tikkjarifika l-aspetti li għalihom il-bażi legali mhijiex biżżejjed ċara (pereżempju, billi tipproponi li jinbidlu r-regoli), u li tikkonvinċi lill-Istati Membri biex iżommu lura milli jżidu regoli nazzjonali li huma aktar eżiġenti mil-leġiżlazzjoni tal-UE[110].

## Kemm il-qafas ta' aċċertament tal-koeżjoni kif ukoll il-qafas ta' konformità mal-RRF juru dgħufijiet

**102** Il-finanzjament ta' koeżjoni huwa bbażat primarjament fuq ir-rimborż tal-kostijiet imġarrba mill-proġetti li jkunu qed jiġu appoġġati. Taħt l-RRF l-approċċ huwa differenti: il-Kummissjoni tiżborża fondi lill-Istati Membri għall-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri abbażi tal-outputs miksuba, iżda l-konformità tan-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali u mill-korpi ta' implimentazzjoni mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali mhijiex kundizzjoni biex l-Istati Membri jirċievu pagamenti taħt l-RRF. L-Istati Membri huma meħtieġa joperaw sistemi ta' kontroll effettivi, li jiġu vverifikati mill-Kummissjoni. Aħna sibna li l-Kummissjoni tejbet l-awditi tagħha fuq is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri, iżda xorta ma setgħetx tipprovdi aċċertament suffiċjenti dwar l-operat effettiv tagħhom. Barra minn hekk, sibna li l-Kummissjoni ma tistax tagħmel korrezzjonijiet għal ksur individwali tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, ħlief f'każijiet ta' irregolaritajiet serji (bħal frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interess), li ma ġewx ikkoreġuti mill-Istati Membri. Dan ifisser li l-pagamenti taħt l-RRF jistgħu jsiru sħaħ, anke meta jkunu seħħew irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku[111].

[109] *Ibid.*, il-paragrafi VI, 67–68 u 154.

[110] *Ibid.*, il-paragrafi 149–150, 152–153 u 157.

[111] Ir-Rapport Analitiku 02/2025, il-paragrafi 58–62 u 72.

**103** Billi l-mudell ta’ implimentazzjoni tal-RRF (inklużi l-kundizzjonijiet għall-pagament) huwa differenti mill-mudell tal-koeżjoni, l-awditi li wettaqna tar-regolarità tal-fondi, u għalhekk ir-riżultati tal-awditi li noħorġu, mhumiex direttament komparabbli. Madankollu, identifikajna dgħufijiet fis-sistemi ta’ kontroll tal-Istati Membri kemm għall-fondi tal-politika ta’ koeżjoni kif ukoll għall-RRF.

**104** Ir-rapport ta’ analiżi tagħna dwar it-tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-RRF enfasizza li l-qafas ta’ konformità mal-RRF, u r-regoli għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE mhumiex robusti biżżejjed. Ir-rapport indika li huwa essenzjali li l-istrumenti futuri ma jitfasslux u jiġu implimentati b’mod li jkun ta’ detriment għall-obbligu ta’ rendikont u t-trasparenza. Dawn ir-riskji jistgħu jiġu mmitigati jekk, fost affarijiet oħra: (i) l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ sistemi ta’ kontroll xierqa qabel ma tibda l-implimentazzjoni; (ii) il-kundizzjonijiet biex l-Istati Membri jirċievu pagamenti jinkludu konformità mar-regoli tal-UE u ma’ dawk nazzjonali (iii) il-miżuri korrettivi għall-ksur tar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali jiġu ddefiniti mill-Kummissjoni u jiġu applikati b’mod konsistenti għall-Istati Membri kollha[112].

Dan ir-rapport analitiku ġie adottat mill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tat-12 ta’ Ġunju 2025.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Tony Murphy
*Il-President*

[112] Ir-Rapport Analitiku 02/2025, il-paragrafi 15–19.

# Annessi

## Anness I – Sehem tal-politika ta' koeżjoni bħala perċentwal tal-investiment pubbliku għal kull Stat Membru (2014–2020)




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

# Anness II – L-impatt tal-politika ta' koeżjoni fuq it-tnaqqis tad-disparitajiet

**01** Dan l-anness jipprovdi ħarsa ġenerali lejn id-diskussjoni dwar kif il-politika ta' koeżjoni kkontribwiet għat-tkabbir reġjonali u l-konverġenza ekonomika, u biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi fl-UE kollha. Aħna analizzajna l-analiżijiet tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew, tal-OECD, ir-riċerka akkademika u l-għodod ta' mmudellar makroekonomiku. L-Anness jagħlaq billi jintroduċi l-fatturi prinċipali li jaffettwaw l-effettività tal-politika ta' koeżjoni.

## Kontribut għat-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi

**02** Matul dawn l-aħħar 30 sena, l-impatt tal-politika ta' koeżjoni qanqal diskussjoni akkademika u politika sostanzjali. Fid-dokumentazzjoni ntużaw diversi approċċi kunċettwali u analitiċi, li rriżultaw f'varjetà ta' sejbiet li juru n-nuqqas ta' kunsens ċar dwar l-effettività kumplessiva tal-politika. Filwaqt li s-simulazzjonijiet makroekonomiċi ġeneralment jindikaw effetti pożittivi, l-eżiti tagħhom jiddependu mis-suppożizzjonijiet użati. Fl-istess ħin, l-analiżijiet empiriċi pproduċew riżultati mħallta, filwaqt li rrikonoxxew id-diffikultajiet fil-kejl tal-impatt. Madankollu, bosta jenfasizzaw il-potenzjal tal-politika li tiġġenera benefiċċji sinifikanti, dment li jkunu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal implimentazzjoni effettiva[1].

**03** Fir-rigward tat-tkabbir tal-PDG fl-UE, il-Kummissjoni tirrapporta li, b'mod ġenerali, il-politika ta' koeżjoni kellha impatt pożittiv matul dawn l-aħħar 20 sena. L-akbar żidiet ġew osservati f'xi wħud mir-reġjuni li qabel kienu inqas żviluppati, b'mod partikolari dawk fl-Istati Membri li ssieħbu fl-UE wara l-2004. Min-naħa l-oħra, diversi reġjuni tan-Nofsinhar esperjenzaw perjodi ta' tkabbir negattiv fil-PDG, b'mod partikolari mill-kriżi finanzjarja tal-2008 'l hawn, għalkemm din it-tendenza nqalbet dan l-aħħar[2].

[1] Crescenzi, R. u Giua, M., Different approaches to the analysis of EU Cohesion Policy, 2016, p. 21–23; Darvas, Z. *et al.*, European Union cohesion project characteristics and regional economic growth, Dokument ta' Ħidma Bruegel, 2021, p. 2–3; Darvas, Z. *et al.*, Effectiveness of cohesion policy, Dipartiment tal-Politiki tal-PE dwar l-Affarijiet Baġitarji, 2019, p. 9 u p. 24–26; Amendolagine, V. *et al.*, The impact of European Cohesion Policy: a spatial perspective, Journal of Economic Geography, Vol. 24, Nru 4, 2024; Crucitti, F. *et al.*, The Impact of the 2014-2020 European Structural Funds on territorial cohesion, Regional Studies, Vol. 58, Nru 8, 2024.

[2] SWD(2024) 79, p. 3 u 12; Ninth report on economic, social and territorial cohesion, p. 2-5.

**04** Il-konverġenza ekonomika madwar ir-reġjuni tal-UE ma kinitx uniformi. Wieħed mill-indikaturi ewlenin li ntuża biex jiġi vvalutat kemm il-PDG *per capita* jvarja bejn ir-reġjuni huwa l-"koeffiċjent tal-varjazzjoni". Tnaqqis jindika disparitajiet li qed jonqsu (konverġenza), filwaqt li żieda tindika disparitajiet li qed jikbru. Bejn l-2000 u l-2022, dan l-indikatur wera li d-disparitajiet reġjonali fil-PDG *per capita* naqsu b'mod sinifikanti madwar l-EU-27, iżda żdiedu bi ftit fl-EU-15 wara l-2009 (il-***Figura 1***). Għalhekk, dan it-titjib ġenerali kien xprunat l-aktar minn konverġenza 'l fuq fir-reġjuni tal-Lvant[3].

## Figura 1 — Disparitajiet reġjonali għall-EU-27 u l-EU-15 fil-PDG *per capita* (PPS)




*Noti:* PPS = Standard tal-kapaċità tal-akkwist. Id-disparitajiet reġjonali jitkejlu fil-livell tar-reġjuni tan-NUTS-2.

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-Kummissjoni.

[3] Ninth report on economic, social and territorial cohesion, p. 5-12.

**05** Ix-xejriet ta' konverġenza ekonomika jirriflettu dinamika nazzjonali differenti. Pereżempju, tkabbir aktar b'saħħtu fir-reġjuni kapitali tal-Istati Membri tal-Lvant spiss iżid id-disparitajiet f'dawk il-pajjiżi. Fil-Portugall, il-konverġenza reġjonali rriżultat minn tkabbir aktar bil-mod fil-passat f'reġjuni li qabel kellhom prestazzjoni għolja. Min-naħa l-oħra, fi Franza, id-disparitajiet reġjonali li qed ikomplu jitwessgħu kienu marbuta ma' rata ta' tkabbir aktar baxxa fil-PDG *per capita* f'reġjuni li inizjalment kellhom PDG aktar baxx[4].

**06** Il-Kummissjoni tistenna li l-politika ta' koeżjoni jkompli jkollha effett ekonomiku pożittiv għal żmien twil b'mod ġenerali. Abbażi tal-mudell RHOMOLO, il-PDG tal-UE jista' potenzjalment ikun 0.9 % ogħla sal-2030 u 0.6 % oħra ogħla sal-2043 minħabba investimenti fil-qasam tal-investimenti li saru 2014–2020 u 2021–2027. Dan l-impatt pożittiv fuq il-PDG huwa mistenni li jkun partikolarment ta' benefiċċju għal dawk il-pajjiżi li jirċievu ammonti ogħla ta' finanzjament ta' koeżjoni, iżda wkoll għal pajjiżi aktar żviluppati permezz ta' żieda fl-attività ekonomika minħabba esportazzjonijiet ogħla[5].

## L-indirizzar tal-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi fil-livell reġjonali

**07** Ir-reġjuni inqas kompetittivi jista' jkollhom potenzjal ekonomiku sinifikanti mhux sfruttat. Madankollu, meta dawn ir-reġjuni jiffaċċjaw staġnar għal żmien twil, l-ostakli strutturali jagħmluha aktar diffiċli għalihom biex jirkupraw mill-aspett ekonomiku, joħolqu l-impjiegi jew itejbu l-istandards tal-għajxien. Jekk ma jiġux indirizzati, id-disparitajiet jillimitaw il-prospetti soċjali u ekonomiċi. Maż-żmien, dan in-nuqqas ta' progress jista' jsir ċiklu ta' staġnar (magħruf bħala nassa tal-iżvilupp), ikkaratterizzat minn produttività u ħolqien tal-impjiegi batuti, u kapaċità ta' innovazzjoni insuffiċjenti. Barra minn hekk, reġjuni bħal dawn jistgħu jiżviluppaw dipendenza mhux sostenibbli mill-finanzjament nazzjonali u dak mill-UE[6].

---

[4] *Ibid.*, p. 9.

[5] *Ibid.*, 2024, p. XVIII.

[6] Forging a sustainable future together, Cohesion for a competitive and inclusive Europe, Report of the High-level Group on the Future of Cohesion Policy, 2024, pp. 7–8, 13 u 25; Diemer, A. *et al.*, The Regional Development Trap in Europe, Economic Geography, Vol. 98, No. 5, 2022; Promoting Growth in All Regions, OECD, 2012, pp. 15–16, 19 u 43.

**08** In-nases tal-iżvilupp jistgħu jaffettwaw mhux biss ir-reġjuni inqas żviluppati, iżda wkoll żoni aktar għonja li jbatu biex iżommu l-kompetittività u t-tkabbir. Dawn huma partikolarment prevalenti fiż-żoni rurali u industrijali. Filwaqt li l-investimenti fil-bliet taw spinta lill-iżvilupp ekonomiku tagħhom, dawn żiedu wkoll id-disparitajiet intrareġjonali billi ħallew żoni oħra tar-reġjun aktar lura. L-esperjenza tindika li r-reġjuni tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fil-biċċa l-kbira evitaw in-nases tal-iżvilupp. Madankollu, huma u jgħaddu għal livell ta' introjtu medju, it-tkabbir ekonomiku tagħhom jirriskja li jnaqqas ir-ritmu, u b'hekk jiżdied il-periklu li jaqgħu f'nassa tal-iżvilupp[7].

**09** Il-politika ta' koeżjoni hija affettwata wkoll mit-trasformazzjonijiet ewlenin attwali, inkluż it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, it-tibdil demografiku, il-kriżijiet bħall-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja fl-Ukrajna, u l-inċertezzi globali li qed jikbru, bħat-tensjonijiet kummerċjali, l-isfidi tal-kompetittività u l-pressjonijiet ġeopolitiċi. Billi dawn il-problemi ma jaffettwawx lir-reġjuni kollha bl-istess mod, l-istudji eżistenti jissottolinjaw l-importanza li jiġi evitat li l-inugwaljanzi jkomplu jikbru[8].

## Kundizzjonijiet li jinfluwenzaw l-impatt tal-politika ta' koeżjoni

**10** Qed jiġi dejjem aktar rikonoxxut li l-eżitu tal-politika reġjonali jiddependi ħafna mill-kundizzjonijiet li taħthom tiġi implimentata, inkluż il-kwalità tal-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali, it-tip ta' kapital uman disponibbli fir-reġjun, u riżorsi territorjali oħra. Dawn il-fatturi jistgħu jinfluwenzaw l-effettività tal-finanzjament ta' koeżjoni u jistgħu jgħinu biex tiġi spjegata l-varjazzjoni fl-eżiti tal-politika ta' koeżjoni bejn reġjuni u Stati Membri differenti[9].

---

[7] Forging a sustainable future together, Cohesion for a competitive and inclusive Europe, p. 13; Diemer, A. *et al.*, The Regional Development Trap in Europe; Filippetti, A. u Spallone, R., Chapter 9. Cohesion Policy for Escaping the Middle-Income Trap, 2023.

[8] The future of EU cohesion: Scenarios and their impacts on regional inequalities — Cost of non-Europe, EPRS, 2024, p. 1–5, 19; McCann, P. u Ortega-Argilés, R., EU Cohesion Policy: The past, the present and the future, 2021, p. 21–23.

[9] Fratesi, U. u Wishlade, F., The impact of European Cohesion Policy in different contexts, Regional Studies, Vol. 51, No. 6, 2017, p. 819; Di Caro, P. u Fratesi, U., One policy, different effects: Estimating the region-specific impacts of EU cohesion policy, 2021, p. 309; Fratesi, U., Constraining and Enabling Factors of a Successful Regional Policy in Europe, ZEW Discussion Papers, No. 24–048, 2024, p. 2.

**11** Fost il-fatturi li jinfluwenzaw l-effettività tal-finanzjament ta’ koeżjoni, il-**kwalità istituzzjonali** — kemm jaħdmu tajjeb l-amministrazzjoni u l-governanza nazzjonali u reġjonali — hija fattur determinanti importanti għas-suċċess. Ir-reġjuni b’istituzzjonijiet pubbliċi effettivi huma aktar kapaċi jużaw il-fondi tal-UE, jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji u jilħqu l-għanijiet ta’ żvilupp tagħhom[10]. Barra minn hekk, ir-rispett tal-istat tad-dritt minn istituzzjonijiet pubbliċi responsabbli u trasparenti huwa fundamentali biex tinkiseb implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-politika[11].

**12** Il-**kapital uman** (imkejjel bħala s-sehem tal-forza tax-xogħol b’mill-inqas edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell) huwa fattur ewlieni ieħor biex il-finanzjament tal-politika ta’ koeżjoni jkun ta’ suċċess. F’żoni inqas żviluppati, it-titjib tal-kapital uman jitqies kruċjali biex jinkiseb it-tkabbir[12].

**13** Il-**kapital territorjali** — is-sett usa’ ta’ assi pubbliċi u privati disponibbli għal reġjun — jinfluwenza wkoll kemm il-politika ta’ koeżjoni tkun effettiva biex tipproduċi r-riżultati. Dawn l-assi jvarjaw minn infrastruttura għal networks lokali u ekosistemi tal-innovazzjoni. Ir-riċerka turi li l-investimenti ta’ koeżjoni fl-infrastruttura jaħdmu l-aħjar meta r-reġjuni jkollhom assi “intanġibbli” b’saħħithom, bħall-għarfien, il-kapital soċjali u l-kwalità istituzzjonali[13].

---

[10] Mendez, C. u Bachtler, J. The quality of government and administrative performance explaining Cohesion Policy compliance, absorption and achievements across EU regions, 2024, pp. 696, 698; Becker *et al.*, Absorptive Capacity and the Growth and Investment Effects of Regional Transfers: A Regression Discontinuity Design with Heterogeneous Treatment Effects, 2012, pp. 2–3.

[11] Rodríguez-Pose, A. u Garcilazo, E., Quality of Government and the Returns of Investment: Examining the Impact of Cohesion Expenditure in European Regions, Regional Studies, Vol. 49, No. 8, 2015, pp. 1276–1277; Kölling, M., The role of (rule of law) conditionality in MFF 2021-2027 and Next Generation EU, or the stressed budget, Journal of Contemporary European Studies, 2022, pp. 7, 10, 12.

[12] Di Caro, P. u Fratesi, U., One policy, different effects: Estimating the region-specific impacts of EU cohesion policy, 2021, p. 319; Rodríguez-Pose, A. u Ketterer, T., Institutional change and the development of lagging regions in Europe, 2020.

[13] Camagni, R. Chapter 7: Territorial capital and regional development: theoretical insights and appropriate policies 2019; Fratesi, U. u Perucca, G. EU regional development policy and territorial capital: A systemic approach, Papers in Regional Science, Vol. 98, Issue 1, 2019.

**14** Minbarra l-karatteristiċi reġjonali, anke l-mod kif il-politika ta’ koeżjoni tkun kkoordinata fl-UE kollha u fil-livelli tal-gvern nazzjonali u reġjonali jinfluwenza kemm tkun effettiva biex tipproduċi r-riżultati. F’sistema ta’ governanza b’diversi livelli, **koordinazzjoni** tajba hija essenzjali[14].

[14] Regional Governance in OECD Countries, OECD, 2022, p. 74; Bachtler, J. *et al.*, Chapter 2: Understanding EU Cohesion Policy, 2013, pp. 11–12.

# Abbrevjazzjonijiet

**CARE:** Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa

**CRII:** Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus

**CSRs:** Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

**EPRS:** Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew

**FEŻR:** Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

**FK:** Fond ta' Koeżjoni

**FNLC:** Finanzjament mhux marbut mal-kostijiet

**FSE:** Fond Soċjali Ewropew

**FSE+:** Fond Soċjali Ewropew Plus

**OECD:** Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

**PDG:** Prodott domestiku gross

**RDK:** Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni

**RHOMOLO:** Mudell Olistiku Reġjonali

**RRF:** Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

**RRP:** Pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

**SCO:** Għażla ta' kostijiet issimplifikati

**TFUE:** Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

# Glossarju

**"La tagħmilx ħsara sinifikanti":** Prinċipju li l-miżuri ta' investiment jenħtieġ li ma jagħmlux ħsara kbira fuq l-ambjent.

**Assorbiment:** Il-livell, ħafna drabi espress bħala perċentwal, sa fejn il-fondi tal-UE allokati lill-Istati Membri jkunu ntefqu fuq proġetti eliġibbli. Fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-livell sa fejn l-Istati Membri rċevew finanzjament taħt l-RRF mill-Kummissjoni għall-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri.

**Awtorità maniġerjali:** L-awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali (pubblika jew privata) maħtura minn Stat Membru biex timmaniġġja programm iffinanzjat mill-UE.

**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza:** Il-mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju tal-UE biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u jiġi stimulat l-irkupru, u jiġu ffaċċati l-isfidi ta' futur aktar ekoloġiku u diġitali.

**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali:** Fond tal-UE li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-UE billi jiffinanzja investimenti li jnaqqsu l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni.

**Fond Soċjali Ewropew:** Fond tal-UE għall-ħolqien ta' opportunitajiet edukattivi u ta' impjieg kif ukoll għat-titjib tas-sitwazzjoni ta' persuni li jinsabu f'riskju ta' faqar. Sostitwit mill-Fond Soċjali Ewropew Plus.

**Fond ta' Koeżjoni:** Fond tal-UE għat-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-UE bl-iffinanzjar ta' investimenti fl-Istati Membri fejn l-introjtu nazzjonali gross għal kull abitant ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-UE.

**Għażla ta' kostijiet issimplifikati:** Approċċ li jintuża biex jiġi ddeterminat ammont ta' għotja bl-użu ta' metodi bħal kostijiet unitarji standard, finanzjament b'rata fissa jew somom f'daqqa minflok il-kostijiet reali li jkun ġarrab il-benefiċjarju. Dan l-approċċ huwa mfassal biex inaqqas il-piż amministrattiv.

**Konverġenza:** Proċess li permezz tiegħu, matul iż-żmien, l-ekonomiji b'introjtu aktar baxx jilħqu l-ekonomiji b'introjtu ogħla.

**Politika ta' koeżjoni:** Politika tal-UE li għandha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi u soċjali bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri billi tippromwovi l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività tan-negozji, it-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll il-kooperazzjoni transfruntiera u interreġjonali.

**Prinċipju tas-sħubija:** Il-prinċipju fil-politika ta' koeżjoni li jaċċerta li l-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, is-soċjetà ċivili, is-sħab ekonomiċi u soċjali u, meta jkun xieraq, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-universitajiet ikunu involuti b'mod sinifikattiv fit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi.

**Prodott domestiku gross:** Kejl standard tal-ġid ta' pajjiż, ibbażat fuq il-valur totali tal-oġġetti u s-servizzi prodotti hemmhekk (normalment matul sena waħda).

**Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi:** Gwida annwali li l-Kummissjoni toħroġ, bħala parti mis-Semestru Ewropew, lill-Istati Membri individwali dwar il-politiki makroekonomiċi, baġitarji u strutturali tagħhom.

**REACT-EU:** Programm ta' Next Generation EU li jipprovdi finanzjament addizzjonali għall-politika ta' koeżjoni eżistenti u għall-programmi tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 filwaqt li jippromwovi t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali.

**Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni:** Ir-regolament li jistabbilixxi r-regoli li japplikaw għal għadd ta' fondi tal-UE b'ġestjoni kondiviża, inklużi dawk li jappoġġaw il-politika ta' koeżjoni tal-UE.

**RHOMOLO:** Għodda ta' simulazzjoni ekonomika żviluppata mill-Kummissjoni u użata prinċipalment biex jiġi evalwat l-impatt tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, inklużi l-effetti tal-investimenti reġjonali u tar-riformi strutturali.

# It-tim tal-QEA

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla II — Investiment għall-koeżjoni, it-tkabbir u l-inklużjoni, li hija mmexxija minn Annemie Turtelboom, Membru tal-QEA. Il-kompitu twettaq minn Alejandro Blanco Fernández, Membru tal-QEA, appoġġat minn Călin-Ion Chira, Kap tal-Uffiċċju Privat u Juan Antonio Vazquez Rivera, Attaché tal-Uffiċċju Privat; Friedemann Zippel, Maniġer Prinċipali; Päivi Piki, Kap tal-Kompitu; Marion Boulard, Sabine Maur-Helmes, Amelia Pădurariu u Plamen Petrov, Awdituri. Alexandra Damir-Binzaru pprovdiet appoġġ grafiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Juan Antonio Vazquez Rivera, Amelia Pădurariu, Plamen Petrov, Alejandro Blanco Fernández, Friedemann Zippel, Päivi Piki, Călin-Ion Chira, Marion Boulard.

# DRITTIJIET TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat sakemm jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandha tkun responsabbli għall-ebda konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb permess ta' dan it-tip, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

**Użu tal-logo tal-QEA**

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| PDF | ISBN 978-92-849-5461-2 | ISSN 2811-8278 | doi:10.2865/9105053 | QJ-01-25-041-MT-N |

# KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Analitiku 04/2025: "Il-Futur tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE — nitgħallmu mill-passat", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

**Dan ir-rapport analitiku jipprovdi ideat biex jikkontribwixxi għad-diskussjoni li għaddejja dwar il-perjodu tal-politika ta' koeżjoni li jmiss, li jibda fl-2028. Huwa jiġbor flimkien ir-riżultati mill-awditi, mir-rapporti analitiċi u mill-opinjonijiet ippubblikati tagħna dwar aspetti differenti tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni. Huwa jqabbel dawn is-sejbiet mal-konklużjonijiet prinċipali tagħna dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, meta jkun rilevanti.**

**IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**
**12, rue Alcide De Gasperi**
**1615 Luxembourg**
**LUXEMBOURG**

**Tel. +352 4398 – 1**

**Mistoqsijiet:** eca.europa.eu/mt/contact
**Sit web:** eca.europa.eu
**Media soċjali:** @EUauditors

CURIA RATIONUM

QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI